

Brussell, 10 ta' April 2017  
(OR. en)

7849/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0014 (COD)**

---

---

**CODEC 517  
ENT 88  
MI 305  
PE 24**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-3 sas-6 ta' April 2017)

---

### **I. INTRODUZZJONI**

Ir-Relatur, is-Sur Daniel DALTON (ECR,UK), ippreżenta rapport li jikkonsisti minn 333 emenda (l-emendi 1-332 u 339) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: EFFD sitt emendi (l-emendi 333-338), Ħodor/AHE seba' emendi (l-emendi 340-346), ALDE żewġ emendi (l-emendi 347-348), S&D u Ħodor/AHE flimkien tliet emendi (l-emendi 349, 351–352) u S&D erba' emendi (l-emendi 350, 353–355).

## II. DIBATTITU

Ir-Relatur fetaħ id-dibattitu, li seħħ fl-4 ta' April 2017, u ppreżenta l-bidliet proposti għall-proposta tal-Kummissjoni, li għandhom l-għan li jevitaw eċċessi ulterjuri min-naħa tal-industrija tal-vetturi bil-mutur u li jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali, taċ-ċentri ta' ttestjar u tal-korpi ta' sorveljanza tas-suq, sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tagħhom u jiġu evitati kunflitti ta' interess.

Dak għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- l-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jinterpretaw u jinfurzaw ir-rekwiżiti tar-Regolament il-ġdid b'mod uniformi u konsistenti biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' standards diverġenti fl-Unjoni,
- l-Istati Membri għandhom iwettqu testijiet aleatorji ta' sorveljanza tas-suq fuq mill-inqas 20% tal-mudelli l-ġodda li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena;
- l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll mal-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip u jħejju u jippreżentaw programm nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq, għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, fuq bażi annwali jew pluriennali;
- il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' verifiki, kontrolli u testijiet regolari ta' kampjuni tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa;
- l-ispejjeż għall-approvazzjoni tat-tip u l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom għandhom ikunu koperti mill-Istati Membri permezz tal-baġits nazzjonali tagħhom, jew struttura bbażata fuq tariffi (imposti fuq il-manifatturi), jew inkella billi tiġi applikata taħlita taż-żewġ metodi.

Dawk il-bidliet proposti ġew appoġġati mill-kelliema tal-gruppi politiċi PPE, S&D, ECR, ALDE, Ħodor/AHE u EFFD (is-Sur STEFANEC (PPE-SK), is-Sinjura SCHALDEMOSE (S&D-DK), is-Sinjura FORD (ECR-UK), is-Sinjura CHARANZOVA (ALDE-CZ) u s-Sur DURAND (Ħodor/AHE-FR) u s-Sur ZULLO (EFFD-IT). Madankollu, is-Sur DE JONG (GUE/NGL-NL), ħabbar li l-grupp politiku tiegħu ser jivvota kontra r-rapport kollu.

Id-dibattitu kien iddominat mill-kwistjoni dwar il-ħtieġa li tinholq Aġenzija Ewropea għas-Sorveljanza tal-Vetturi, kif propost mill-gruppi politiċi S&D u Ħodor/AHE (l-emendi 351 u 352). Il-gruppi politiċi PPE, ECR, ALDE u EFFD irrifjutaw din l-idea għax kienet tfisser biss dewmien fil-proċedura u aktar burokrazija. Anke skont il-proposta tas-S&D u l-Ħodor ir-responsabbiltà aħħarija tibqa' f'idejn il-Kummissjoni, u għaldaqstant konsultazzjonijiet addizzjonali joħlqu biss pass addizzjonali u livell supplementari ta' burokrazija.

Il-Kummissarju VELLA esprima l-appoġġ tiegħu għar-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, u enfażizza l-ħtieġa ta' bidla wara l-falliment sistematiku tal-approvazzjoni tat-tip fil-forma attwali tagħha. Tkellem favur kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi fl-Unjoni u miri obligatorji għall-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, esklużi eċċezzjonijiet ulterjuri. Fir-rigward tal-ħolqien ta' Aġenzija ġdida tal-UE, huwa enfażizza li d-diffikultajiet fl-infurzar ta' sorveljanza xierqa tas-suq fis-27 Stat Membru jistgħu jwasslu biex tali aġenzija issir neċessarja.

### **III. VOT**

Meta vvutat fl-4 ta' April 2017, il-plenarja adottat l-emendi li ġejjin li test tagħhom huwa anness ma' din in-nota: l-emendi 1-114, 115 (l-ewwel parti), 116-199, 201-332, 345-348, 353-355.

L-emendi 351-352, li tipproponi l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għas-Sorveljanza tal-Vetturi, ġew irrifjutati b'maġġoranza ċara (b'351 vot kontra u 309 voti favur).

Skont ir-Regola 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-PE, il-proposta ġiet riferuta lura lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur sabiex jibda n-negozjati interistituzzjonali abbażi tal-emendi adottati.

**L-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi \*\*\*I**

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-4 ta' April 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (COM(2016)0031 – C8-0015/2016 – 2016/0014(COD))<sup>1</sup>**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

---

<sup>1</sup> Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0048/2017).

## Emenda 1

### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Is-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni fejn **għandu** jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Ir-regoli tas-suq intern **għandhom ikunu** trasparenti, sempliċi **u** konsistenti, sabiex b'hekk jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali għall-benefiċċju tan-negozji u tal-konsumaturi.

##### *Emenda*

(1) Is-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni fejn **jenħtieġ li** jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Ir-regoli tas-suq intern **jenħtieġ li jkunu** trasparenti, sempliċi, konsistenti **u effikaċi**, sabiex b'hekk jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali għall-benefiċċju tan-negozji u tal-konsumaturi.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Madankollu, f'dik il-valutazzjoni ġie konkluż li hemm il-ħtieġa li jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex jikkumplimentaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' estensjonijiet għall-approvazzjonijiet għat-tipi ta' vetturi eżistenti, il-ħtieġa li jittejjeb l-infurzar tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip permezz tal-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni applikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-servizzi tekniċi, il-ħtieġa li **jiġu ċċarati r-rwoli** u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, kif ukoll tal-awtoritajiet u tal-partijiet involuti fl-infurzar tal-qafas, u l-ħtieġa li tittejjeb l-adekwatezza tal-iskemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip (approvazzjonijiet individwali u ta' serje żgħar nazzjonali) u

##### *Emenda*

(4) Madankollu, f'dik il-valutazzjoni ġie konkluż li hemm il-ħtieġa li jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex jikkumplimentaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' estensjonijiet għall-approvazzjonijiet għat-tipi ta' vetturi eżistenti, il-ħtieġa li jittejjeb l-infurzar tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip permezz tal-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni applikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-servizzi tekniċi, il-ħtieġa li jiġu **delineati b'mod ċar ir-rwoli** u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, kif ukoll tal-awtoritajiet u tal-partijiet involuti fl-infurzar tal-qafas, **filwaqt li jiġi żgurat li dawk ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ma jikkoinċidux, tiġi ggarantita l-indipendenza tal-operaturi, l-**

tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex tiġi pprovduta flessibilità xierqa għal swieq niċċ u SMEs, madankollu, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kundizzjonijiet ekwi.

*awtoritajiet u l-partijiet imsemmija qabel, u jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, u l-ħtieġa li tittejjeb l-adegwaterza tal-iskemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip (approvazzjonijiet individwali u ta' serje żgħar nazzjonali) u tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex tiġi pprovduta flessibilità xierqa għal swieq niċċ u SMEs, madankollu, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kundizzjonijiet ekwi.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 5

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Barra minn hekk, il-problemi riċenti li nstabu matul l-implimentazzjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħjufijiet partikolari u juru li hemm bżonn ta' **reviżjoni fundamentali** sabiex jiġi żgurat **qafas regolatorju** robust, trasparenti, prevedibbli u sostenibbli **li** jipprevedi li jkun hemm livell għoli ta' sikurezza u ta' saħħa u protezzjoni ambjentali.

###### *Emenda*

(5) Barra minn hekk, il-problemi riċenti li nstabu matul l-implimentazzjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħjufijiet partikolari u juru li hemm bżonn ta' **tisħiħ ulterjuri ta' dak il-qafas regolatorju** sabiex jiġi żgurat **li jkun** robust, trasparenti, prevedibbli u sostenibbli **u** jipprevedi li jkun hemm livell għoli ta' sikurezza u ta' saħħa u protezzjoni ambjentali.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 5a (ġdida)

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

**(5a) Peress li l-ħarsien tal-konsumatur jikkostitwixxi prijorità għall-Unjoni, jenħtieġ li l-manifatturi tal-vetturi li jiċċirkolaw fl-Unjoni jkunu obbligati jissottomettu dawk il-vetturi għall-ittestjar qabel ma jitqiegħdu fis-suq u tul il-ħajja tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu garanti ta' din is-sorveljanza doppja, billi wieħed ikun jista' jaġixxi fejn l-ieħor jonqos milli jagħmel dan.**

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5b) Jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel dak kollu li tista' biex tevita li l-manifatturi tal-karozzi jqarrqu bil-ħsieb li jimmanipulaw it-testijiet tal-emissjonijiet tat-tniġġis u tal-konsum tal-fjuwil sabiex jiġġeneraw riżultati foloz jew jaħarbu minn xi regoli oħrajn. Jenħtieġ li din il-manipulazzjoni tieqaf darba għal dejjem.**

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 5c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5c) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza l-pass kajman tal-operazzjonijiet ta' sejħa lura tal-vetturi fl-Unjoni. Il-proċedura eżistenti ma tiggarrantixxix il-ħarsien effikaċi taċ-ċittadini Ewropej, għall-kuntrarju tal-proċedura tal-Istati Uniti, li ppermettiet li tittieħed azzjoni malajr. Minn din il-perspettiva, huwa essenzjali li l-Kummissjoni titħalla titlob lill-operaturi ekonomiċi jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa kollha, inkluża s-sejħa lura tal-vetturi sabiex vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati oħrajn li ma jkunux konformi jinġiebu konformi ma' dan ir-Regolament.**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 5d (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5d) Jekk tinstab irregolarità f'vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li tmur kontra r-regoli ta'**

*awtorizzazzjoni inizjali u/jew tpoġġi s-sikurezza tal-konsumaturi f'riskju jew taqbeż il-limiti ta' tniġġis, huwa fl-interess tal-konsumaturi Ewropej li jkunu jistgħu jistrieħu fuq miżuri korrettivi rapidi, xierqa u koordinati, inkluża, fejn meħtieġ, is-sejħa lura tal-vetturi applikabbli fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħhom sabiex tkun tista' tiegħu azzjoni xierqa u rapida biex tiddefendi l-integrità tas-suq uniku.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u l-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li ***jiġi żgurati il-funzjonament*** xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji ***u l-konsumaturi u*** jiġi offrut livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

##### *Emenda*

(6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u l-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li ***tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' standards ta' kwalità għolja għall-verifika tal-konformità tal-produzzjoni, li tippermetti l-funzjonament*** xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji, ***b'attenzjoni sħiħa u korretta għad-drittijiet tal-konsumaturi, filwaqt li*** jiġi offrut livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi sostantivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N u l-karrijiet tagħhom (il-kategorija O) u għas-

##### *Emenda*

(7) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi sostantivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N u l-karrijiet tagħhom (il-kategorija O) u għas-



sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat livell **adegwat** ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali. Dawn il-kategoriji jkopru vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri, vetturi bil-mutur għat-trasport tal-merkanzija u l-karrijiet tagħhom, rispettivament.

sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat livell **għoli** ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali. Dawn il-kategoriji jkopru vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri, vetturi bil-mutur għat-trasport tal-merkanzija u l-karrijiet tagħhom, rispettivament.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq affidabbli, armonizzati u trasparenti fl-Istati Membri.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 7b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7b) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip jinterpretaw, japplikaw u jinforzaw ir-rekwiżiti tiegħu fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tissorvelja l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' awditjar regolari, testijiet mill-ġdid ta' kampjuni aleatorji tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u monitoraġġ ġenerali tal-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8a (ġdida)

**(8a) Għall-finijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>.**

---

<sup>1a</sup> **Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).**

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) **Għandha** tiġi żgurata implimentazzjoni **effettiva** tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produttazzjoni billi, **inter alia, tipprovdi** awditjar perjodiku obligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati u **t-tisħiħ tar-rekwiżiti** relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni u l-ambjent u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'fiktur dettall **tiġi żgurata l-applikazzjoni** konsistenti **tagħhom**. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità **tal-ħidma** tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li jiġi

(9) **Jenħtieġ li** tiġi żgurata implimentazzjoni **effikaċi** tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produttazzjoni billi **jingħata aċċess aħjar għall-informazzjoni, jinħoloq qafas sod għat-tekniki ta' ottimizzazzjoni matul it-testijiet fil-laboratorju, tingħata attenzjoni partikolari għar-riskju ta' apparat illegali ta' manipolazzjoni li l-użu tiegħu hu pprojbit mir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, jiġi previst** awditjar perjodiku obligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati u **jissaħħu u jiġu armonizzati r-rekwiżiti** relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni u l-ambjent u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-

pprovdut għal obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati membri għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi.

deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'fiktur dettall ***sabiex jiġi żgurati li jiġu applikati b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha***. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità ***dejjem akbar tax-xogħol*** tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li jiġi pprovdut għal obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati membri għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-obbligi proċedurali ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi. ***Sabiex jiġi żgurati sorveljanza adegwata u kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-servizz tekniku ta' applikant tinkludi valutazzjoni fuq il-post u osservazzjoni diretta tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip imwettqa effettivament.***

---

<sup>1a</sup> ***Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-bżonn ***għall-kontroll u l-monitoraġġ*** tas-servizzi tekniċi ***mill-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni*** żdied mindu l-progress tekniku żied ir-riskju li s-

*Emenda*

(10) Il-bżonn ta' ***ċertifikazzjoni, kontroll u monitoraġġ*** tas-servizzi tekniċi żdied mindu l-progress tekniku żied ir-riskju li s-servizzi tekniċi ma jkollhomx il-

servizzi tekniċi ma jkollhomx il-kompetenza meħtieġa biex jiġu ttestjati teknoloġiji ġodda jew apparati li joħroġu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni tagħhom. Peress li l-progress tekniku jqassar iċ-ċikli tal-prodotti u peress li l-intervalli tal-valutazzjonijiet fuq il-post għal sorveljanza u tal-monitoraġġ ivarjaw bejn l-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi fir-rigward tal-intervalli tas-sorveljanza u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

kompetenza meħtieġa biex jiġu ttestjati teknoloġiji ġodda jew apparati li joħroġu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni tagħhom. **Minħabba d-differenzi kbar fl-interpretazzjoni tal-implimentazzjoni attwali tad-Direttiva 2007/46/KE u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha matul il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip, jeżistu differenzi konsiderevoli fost is-servizzi tekniċi. Għalhekk, iċ-ċertifikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ iridu jiġdiedu u jiġu armonizzati sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku Ewropew.** Peress li l-progress tekniku jqassar iċ-ċikli tal-prodotti u peress li l-intervalli tal-valutazzjonijiet fuq il-post għal sorveljanza u tal-monitoraġġ ivarjaw bejn l-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi fir-rigward tal-intervalli tas-sorveljanza u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Sabiex jiġdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppati iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, l-Istati Membri **għandhom jikkooperaw** ma' xulxin u mal-Kummissjoni. **Għandhom** jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar il-mudell tal-lista ta' kontroll tagħhom.

#### *Emenda*

(12) Sabiex jiġdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppati iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, **jenħtieġ li** l-Istati Membri **jistabilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni** ma' xulxin u mal-Kummissjoni. **Jenħtieġ li** jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar il-mudell tal-lista ta' kontroll tagħhom. **Dan ir-Regolament jistabilixxi bażi ta' dejta online li, flimkien mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, tista' tipprova mezz elettroniku utli li jiffaċilita u jsaħħaħ il-**

*kooperazzjoni amministrattiva li tiġġestixxi l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-bażi ta' proċeduri sempliċi u unifikati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tqis li tagħmel użu minn bażijiet ta' dejta online eżistenti bħall-ETAES jew il-Eucaris.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).*

## Emenda 16

Proposta għal regolament  
Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12a) Il-problemi attwali fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħufijiet importanti fis-sistemi nazzjonali eżistenti għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip. Għaldaqstant hemm bżonn li, bħala reazzjoni immedjata għall-fallimenti żvelati, tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti superviżorji xierqa.*

## Emenda 17

Proposta għal regolament  
Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(13) Meta d-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq ***l-akkreditazzjoni*** skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, il-korpi ta' ***akkreditazzjoni*** u l-

(13) Meta d-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq ***l-akkreditament*** skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, ***jenh̄tieġ li l-korpi*** ta'

awtoritajiet tad-deżinjazzjoni **għandhom jiskambjaw informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-kompetenza tas-servizzi** tekniċi.

**akkreditament** u l-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni **jiżguraw li s-servizzi** tekniċi **jkunu kompetenti u indipendenti**.

---

<sup>12</sup> Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

---

<sup>12</sup> Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14) L-Istati Membri għandhom jimponu tariffi għad-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-monitoraġġ ta' dawk is-servizzi tekniċi mill-Istati Membri u sabiex jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwi għas-servizzi tekniċi. Sabiex tiġi żgurata trasparenza, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jadottaw il-livell u l-istruttura tat-tariffi.**

**imħassar**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-operatur ekonomiku ma jħallasx tariffi direttament lis-servizz tekniku għall-ispejjeż ta' approvazzjonijiet tat-tip u attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq. Jenħtieġ li din id-dispożizzjoni ma xxekklix il-kapaċità tal-operaturi ekonomiċi li jagħżlu s-servizz tekniku li**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(17) L-indipendenza tas-servizzi tekniċi fir-rigward tal-manifatturi għandha tiġi żgurata, inkluż billi jiġu evitati pagamenti diretti jew indiretti mill-manifatturi għall-ispezzjonijiet u t-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip li jkunu wettqu. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura ta' tariffi għall-approvazzjonijiet tat-tip li għandha tkopri l-kostijiet għat-twettiq tat-testijiet u l-ispezzjonijiet kollha tal-approvazzjonijiet tat-tip li jwettqu s-servizzi tekniċi maħturin mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll il-kostijiet amministrattivi għall-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u l-kostijiet għat-twettiq tat-testijiet u l-ispezzjonijiet tal-konformità ex-post.**

**imħassar**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(17a) Sabiex il-forzi tas-suq ikunu jistgħu jaħdmu, jenħtieġ li s-servizzi tekniċi japplikaw ir-regoli għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip bi trasparenza sħiħa u b'mod uniformi, mingħajr ma joħlqu piż bla bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi. Biex jiġi garantit livell għoli ta' kompetenza teknika u trattament ġust fil-konfront tal-operaturi ekonomiċi kollha, jenħtieġ li tiġi żgurata applikazzjoni teknika uniformi tar-regoli għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip. Jenħtieġ li, fil-qafas tal-Forum stabbilit minn dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jiskambjaw**

*informazzjoni dwar il-funzjonament tas-servizzi tekniċi differenti li jkunu ċċertifikaw.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. L-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi **għandu** jibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, minħabba li dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tiġi vverifikata b'mod regolari permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari, sabiex jiġi żgurat li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u stringenza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir provvediment għall-verifika tal-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess.

#### *Emenda*

(18) Hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. **Jenħtieġ li** l-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi jibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, minħabba li dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni **tkun soġġetta għal kontrolli superviżorji regolari fil-livell tal-Unjoni, inkluż awditjar indipendenti**, sabiex jiġi żgurat li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u stringenza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir provvediment għall-verifika **fil-livell tal-UE, minn parti terza indipendenti**, tal-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(19a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu awtonomi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, biex b'hekk**



*jiġu evitati l-kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet ikunu organizzati bħala entitajiet distinti skont l-istruttura tal-amministrazzjoni nazzjonali u jenħtieġ li ma jaqsmux bejniethom membri tal-persunal jew faċilitajiet skont l-istrutturi u l-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19b) Jenħtieġ li l-Forum dwar l-Infurzar jipprovdi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u analiżi indipendenti biex jingħata appoġġ għat-titjib tal-funzjonament u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Matul l-iskambju, il-Kummissjoni jista' jkollha raġunijiet biex tqis li waħda jew aktar mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ma humiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każijiet simili jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-konformità, inkluż il-ħruġ ta' linji gwida, rakkomandazzjonijiet jew strumenti oħra u l-possibbiltà ta' proċeduri oħrajn, filwaqt li titqies b'mod dovut il-proporzjonalità. F'każijiet ta' ksur serju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob l-irtirar jew is-sospensjoni tal-kapaċità tal-awtorità li taċċetta applikazzjonijiet għal approvazzjonijiet tat-tip ġodda, sabiex jiġi kkonservat livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tal-konsumatur.*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Premessa 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) Huwa *neċessarju* li jiġu inklużi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq f'dan ir-

(21) Huwa *fundamentali* li jiġu inklużi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq f'dan ir-

Regolament sabiex isaħħu d-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq u sabiex jiċċaraw il-proċeduri applikabbli.

Regolament sabiex isaħħu d-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq u sabiex jiċċaraw il-proċeduri applikabbli.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(21a) Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ikunu jistgħu jwettqu kif xieraq il-kompiti previsti minn dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovduhom b'mod partikolari r-riżorsi meħtieġa għal dak l-iskop.***

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(22) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***u l-Kummissjoni, id-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għandha*** tiġi pprovduta f'format elettroniku u ***għandha ssir disponibbli għall-pubbliku***, soġġett għal eżenzjonijiet minħabba protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

(22) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, ***il-Kummissjoni u partijiet terzi, id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-vettura u l-ittestjar hija meħtieġa biex jitwettqu tali kontrolli. Informazzjoni rilevanti għal skopijiet ta' tiswija u manutenzjoni jenħtieġ li*** tiġi pprovduta f'format elettroniku u ***titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***, soġġett għal eżenzjonijiet minħabba protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tad-dejta personali. ***Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata għal dawk il-finijiet ma tkunx ta' natura li xxekkel il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni riżervata***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(23a)** *Jenħtieġ li l-partijiet terzi li jwettqu huma stess it-testijiet u l-verifiki ta' konformità tal-vetturi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jissodisfaw il-prinċipji ta' trasparenza u ftuħ, inkluż fir-rigward tas-sjieda u l-istrutturi u l-mudelli ta' finanzjament. Jenħtieġ ukoll li daww il-partijiet terzi jkunu konformi mal-istess rekwiżiti imposti fuq is-servizzi tekniċi nnominati fir-rigward tal-istandards xjentifiċi u metodoloġiċi applikati fit-twettiq tat-testijiet li jagħmlu.*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 24

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(24) Dawn l-obbligi iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament **għandhom** jinkludu ttestjar u **spezzjonijeit** ta' verifika tal-konformità ex post ta' numru suffiċjenti ta' vetturi mqegħdin fis-suq. L-għażla tal-vetturi li sejr in ikunu soġġetti għal din il-verifika tal-konformità ex post **għandha** tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità possibbli u l-probabbiltà li sseħħ.

(24) **Jenħtieġ li** dawn l-obbligi iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament jinkludu ttestjar u **spezzjonijiet** ta' verifika tal-konformità ex post ta' numru suffiċjenti ta' vetturi mqegħdin fis-suq. **Jenħtieġ li** l-għażla tal-vetturi li sejr in ikunu soġġetti għal din il-verifika tal-konformità ex post tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità possibbli u l-probabbiltà li sseħħ. **Barra minn hekk, jenħtieġ li din tkun ibbażata fuq kriterji ċari u dettaljati u tinkludi, inter alia, kontrolli perċentwali aleatorji fuq il-mudelli attwali kollha, fuq vetturi b'magna jew teknoloġija ġdida, fuq vetturi b'konsum għoli jew baxx ħafna ta' fjuwil u fuq vetturi b'volum għoli ħafna ta' bejgħ. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqies kwalunkwe storja tal-konformità, is-suġġerimenti tal-konsumaturi, ir-**

*riżultati tal-ittestjar bit-telerilevament u t-tħassib espress minn korpi indipendenti tar-riċerka.*

## **Emenda 30**

**Proposta għal regolament  
Premessa 24a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(24a) Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-konformità mal-approvazzjonijiet tat-tip u mal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati u li tiżgura r-regolarità tal-approvazzjonijiet tat-tip billi torganizza, twettaq jew titlob li jitwettqu testijiet u spezzjonijiet tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati li diġà jkunu tqiegħdu fis-suq.*

## **Emenda 31**

**Proposta għal regolament  
Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(25a) Jenħtieġ li l-partijiet terzi li jwettqu huma stess it-testijiet u l-verifiki ta' konformità tal-vetturi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jissodisfaw il-prinċipji ta' trasparenza u ftuħ, inkluż fir-rigward tas-sjeda u l-istrutturi u l-mudelli ta' finanzjament. Jenħtieġ li dawk il-partijiet jsegwu approċċ simili għal dak tas-servizzi tekniċi nnominati billi jkunu konformi mal-istess standards fit-twettiq u l-interpretazzjoni tat-testijiet.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 25b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25b) Jenħtieġ li s-sorveljanza tas-suq tqis ukoll approçè ibbażat fuq ir-riskju, b'enfasi – inter alia – fuq id-dejta miksuba minn unitajiet ta' telesorveljanza mal-ġenb tat-triq, ilmenti, rapporti minn spezzjoni teknika perjodika, it-tul tal-ħajja mistennija u vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniçi separati problematiçi identifikati preçedentement.***

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Premessa 25c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25c) Sabiex jiġu vverifikati l-emissjonijiet tal-vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jagħmlu użu – inter alia – minn teknoloġija ta' telerilevament li tgħin fl-identifikazzjoni ta' liema aspetti, bħal livelli għolja ta' tniġġis akustiku u tal-arja, u liema mudelli ta' vetturi, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal investigazzjoni ulterjuri. Jenħtieġ li, meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom mal-awtoritajiet responsabbli mill-ispezzjonijiet tekniçi perjodiçi skont id-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiçi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur.***

## Emenda 347

### Proposta għal regolament Premessa 25d (ġdida)

*(25d) Bil-għan li jingħata appoġġ lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw tagħmir ta' riduzzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat, fis-26 ta' Jannar 2017, Gwida dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġiji Awżiljarji għall-Kontroll tal-Emissjonijiet u l-preżenza ta' Tagħmir ta' Riduzzjoni. B'konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Gwida, l-attivitajiet ta' ttestjar tal-Kummissjoni, tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-servizzi tekniċi għall-fini tal-identifikazzjoni tat-tagħmir ta' riduzzjoni għandu jibqa' ta' karattru mhux prevedibbli, u jinkludi wkoll varjazzjonijiet lil hinn mill-kundizzjonijiet u l-parametri preskritti, sabiex jidentifikaw b'mod effettiv it-tagħmir ta' riduzzjoni.*

#### Emenda 34

##### Proposta għal regolament Premessa 26

(26) Sabiex jiġu żgurati livell għoli ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi, il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u ta' utenti oħrajn tat-triq, kif ukoll il-ħarsien ambjentali, ***ir-rekwiżiti*** tekniċi u l-istandards ambjentali applikabbli għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ***għandhom ikomplu*** jiġu armonizzati u adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

(26) Sabiex jiġu żgurati livell għoli ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi, il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u ta' utenti oħrajn tat-triq, kif ukoll il-ħarsien ambjentali ***u tas-saħħa pubblika, jenħtieġ li r-rekwiżiti*** tekniċi u l-istandards ambjentali applikabbli għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ***jkomplu*** jiġu armonizzati u adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

#### Emenda 35

##### Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

**(26a) Sabiex jiġi żgurat u jittejjeb kontinwament livell għoli ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi, il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u ta' utenti oħrajn tat-triq, kif ukoll il-ħarsien ambjentali, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda abbażi tal-progress tekniku u xjentifiku. Jenħtieġ li dan isir billi jkun hemm limitu għall-ittestjar u d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tali teknoloġiji.**

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma **għandhomx jiġu** affettwati mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati jew parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew f'vettura wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, għet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz. Għalhekk, **għandhom** jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fil-vetturi u li jistgħu jfixklu **b'mod sinifikanti** l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-ħarsien ambjentali jew għas-sikurezza funzjonali jiġu kkontrollati minn awtorità tal-approvazzjoni qabel jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

(27) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament **jenħtieġ li** ma **jiġux** affettwati mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati jew parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew f'vettura wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, għet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz. Għalhekk, **jenħtieġ li** jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fil-vetturi u li jistgħu jfixklu l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-ħarsien ambjentali jew għas-sikurezza funzjonali jiġu kkontrollati minn awtorità tal-approvazzjoni qabel jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament Premessa 29

(29) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità ***għandhom*** jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat b'mod xieraq maħtur għal dak il-għan u jkunu soġġetti għal verifika regolari ***permezz ta' awditjar perjodiku indipendenti***. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***għandhom*** jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati.

(29) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità ***jenħtieġ li*** jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat b'mod xieraq maħtur għal dak il-għan u jkunu soġġetti għal verifika regolari. Barra minn hekk, ***jenħtieġ li*** l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati.

## **Emenda 38**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 30**

(30) Il-validità kontinwa tal-approvazzjonijiet tat-tip tesiġi li l-manifattur jgħarraf lill-awtorità li tkun approvat it-tip ta' vettura tiegħu dwar kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tat-tip jew tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni ambjentali applikabbli għal dak it-tip. Għalhekk, huwa importanti li l-validità taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa tkun limitata fiż-żmien u li dawk iċ-ċertifikati jkunu jistgħu jiġġeddu biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat u tkun sodisfatta li t-tip ta' vettura jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip għandhom jiġu kkjarifikati sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċeduri u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip madwar l-Unjoni.

(30) Il-validità kontinwa tal-approvazzjonijiet tat-tip tesiġi li l-manifattur jgħarraf lill-awtorità li tkun approvat it-tip ta' vettura tiegħu dwar kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tat-tip jew tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni ambjentali applikabbli għal dak it-tip. Għalhekk, huwa importanti li l-validità taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa tkun limitata fiż-żmien u li dawk iċ-ċertifikati jkunu jistgħu jiġġeddu biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat u tkun sodisfatta li t-tip ta' vettura jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha. Barra minn hekk, ***jenħtieġ li*** l-kundizzjonijiet għall-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip jiġu kkjarifikati sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċeduri u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip madwar l-Unjoni. ***Madankollu, minħabba n-natura ta' xi sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, pereżempju mirja retroviżuri, wajpers tal-windskrin u tajers, dawk ir-rekwiżiti***



*huma aktar statiċi. F'każijiet oħra, pereżempju, dawk is-sistemi li huma relatati mal-ġestjoni tal-emissjonijiet, jista' jkun hemm bżonn li l-perijodu ta' validità jiġi limitat, , hekk kif inhu l-każ għall-vetturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi lista tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati affettwati minn perijodu ta' validità limitat.*

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Il-valutazzjoni tar-riskji serji rrapportati għas-sikurezza u l-ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u l-ambjent **għandha** ssir flivell nazzjonali, iżda għandha tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jkun possibbli li r-riskju jew il-ħsara rrapportati jkunu jeżistu anki lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu mitigati r-riskju u l-ħsara identifikati.

#### *Emenda*

(31) Il-valutazzjoni tar-riskji serji rrapportati għas-sikurezza u l-ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u l-ambjent **jenħtieġ li** ssir flivell nazzjonali, iżda jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jkun possibbli li r-riskju jew il-ħsara rrapportati jkunu jeżistu anki lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu mitigati r-riskju u l-ħsara identifikati. **Jenħtieġ tingħata attenzjoni partikolari lit-tagħmir, is-sistemi u l-unitajiet tekniċi ta' sostituzzjoni li jaffettwaw l-impatt ambjentali tas-sistemi tal-egżost u jenħtieġ li dawn ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fejn xieraq.**

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Premessa 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) **Għandha** tiġi pprovduta flessibbiltà xierqa permezz ta' skemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-manifatturi li

#### *Emenda*

(33) **Jenħtieġ li** tiġi pprovduta flessibbiltà xierqa permezz ta' skemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-manifatturi li

jipproduċu vetturi f'serje żgħar. Huma **għandhom ikunu** jistgħu jibbenifikaw mill-vantaġġi tas-suq intern tal-Unjoni, diment li l-vetturi tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi prodotti f'serje żgħar. F'ċerti każijiet limitati, huwa xieraq li tiġi permessa l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje żgħar. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin, kwalunkwe proċedura ssimplifikata għall-vetturi prodotti f'serje żgħar għandha tiġi ristretta għal każijiet ta' produzzjoni limitata ħafna. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi definit preċiżament il-kunċett tal-vetturi prodotti f'serje żgħar f'termini tal-għadd ta' vetturi prodotti, ir-rekwiżiti li jridu jiġu rrispettati u l-kundizzjonijiet għat-tqegħid ta' dawk il-vetturi fis-suq. Huwa ugwalment importanti li tiġi speċifikata skema ta' approvazzjoni alternattiva għal vetturi individwali, b'mod partikolari sabiex tiġi pprovduta biżżejjed flessibbiltà għall-approvazzjoni tal-vetturi mibnija f'diversi stadji.

jipproduċu vetturi f'serje żgħar. **Jenħtieġ li** huma **jkunu** jistgħu jibbenifikaw mill-vantaġġi tas-suq intern tal-Unjoni, diment li l-vetturi tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi prodotti f'serje żgħar. F'ċerti każijiet limitati, huwa xieraq li tiġi permessa l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje żgħar. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin, jenħtieġ li kwalunkwe proċedura ssimplifikata għall-vetturi prodotti f'serje żgħar tiġi ristretta għal każijiet ta' produzzjoni limitata ħafna **skont dan ir-Regolament**. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi definit preċiżament il-kunċett tal-vetturi prodotti f'serje żgħar f'termini tal-għadd ta' vetturi prodotti, ir-rekwiżiti li jridu jiġu rrispettati u l-kundizzjonijiet għat-tqegħid ta' dawk il-vetturi fis-suq. Huwa ugwalment importanti li tiġi speċifikata skema ta' approvazzjoni alternattiva għal vetturi individwali, b'mod partikolari sabiex tiġi pprovduta biżżejjed flessibbiltà għall-approvazzjoni tal-vetturi mibnija f'diversi stadji.

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Premessa 35a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(35a) Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effikaċi fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi, u sabiex jiġi ċċarat li l-informazzjoni kkonċernata tkopri wkoll l-informazzjoni li jeħtieġ tingħata lil operaturi indipendenti oħra minbarra min isewwi, b'tali mod li jiġi żgurat li s-suq indipendenti tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi inġenerali jkun jista' jikkompeti ma' bejjiegħa awtorizzati, irrispettivament minn jekk il-manifattur tal-vettura jagħtix tali informazzjoni direttament lil min isewwi jew lill-bejjiegħa awtorizzati, huwa meħtieġ li jiġu stipulati d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tingħata għall-finijiet ta' aċċess**

*għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.*

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36a) Peress li bħalissa ma hemm l-ebda proċess strutturat komuni għall-iskambju ta' dejta ta' komponenti ta' vettura bejn il-manifatturi tal-vetturi u operaturi indipendenti, huwa xieraq li jiġu żviluppati prinċipji għal tali skambju ta' dejta. Jenħtieġ li għall-futur jiġi żviluppat proċess strutturat komuni dwar il-format standardizzat tal-iskambju tad-dejta mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), meta l-mandat mogħti lis-CEN ma jiddeterminax minn qabel il-livell ta' dettall ipprovdut minn dan l-istandard. Jenħtieġ li l-ħidma tas-CEN tirrifletti, b'mod partikolari, l-interessi u l-ħtiġijiet tal-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi indipendenti bl-istess mod u tinvestiga wkoll soluzzjonijiet għal formati ta' dejta miftuħa deskritti minn metadejta ddefinita tajjeb biex takkomoda l-infrastrutturi eżistenti tal-IT.*

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Premessa 37a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(37a) Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effikaċi fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi, għandu jiġi enfasizzat li l-informazzjoni kkonċernata tkopri wkoll l-informazzjoni li jeħtieġ tingħata lil operaturi indipendenti oħra minbarra min isewwi, u f'format li jippermetti pproċessar elettroniku*

*ulterjuri b'tali mod li jiġi żgurati li s-suq indipendenti tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi iġenerali jkun jista' jikkompeti ma' bejgiegħa awtorizzati, irrispettivament minn jekk il-manifattur tal-vettura jagħtix tali informazzjoni direttament lil min isewwi jew lill-bejgiegħa awtorizzati.*

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament Premessa 37b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(37b) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-manifatturi tal-vetturi li jipprovdu informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni permezz tas-sit web tagħhom, jenħtieġ li l-aċċess għad-dejta fil-vettura jibqa' aċċessibbli b'mod dirett u indipendenti għall-operaturi indipendenti.*

#### Emenda 45

##### Proposta għal regolament Premessa 40

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(40) L-Istati Membri **għandhom** jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u **għandhom** jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Dawk il-penali **għandhom** ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni **kull sena**, sabiex jimmonitorjaw il-koerenza tal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(40) **Jenħtieġ li** l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. **Jenħtieġ li** dawk il-penali **jkunu** effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni **regolarment permezz tal-bażi ta' dejta online**, sabiex jimmonitorjaw il-koerenza tal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Premessa 40a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(40a)** *Jenħtieġ li l-falsifikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet titqies li tkun seħħet meta dawk ir-riżultati ma jkunux jistgħu jiġu vverifikati b'mod empiriku mill-awtorità rilevanti meta jiġu replikati jew ikkunsidrati l-parametri kollha tal-ittestjar.*

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Premessa 40b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(40b)** *Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' miżuri ta' sorveljanza tas-suq u għal miżuri ta' appoġġ għall-persuni affettwati b'mod negattiv mill-ksur ta' dan ir-Regolament jew attivitajiet oħra bħal dawn għall-benefiċċju tal-konsumaturi affettwati u, fejn xieraq, tal-ħarsien tal-ambjent.*

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Premessa 40c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(40c)** *F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità l-konsumaturi jistgħu jsofru ħsara personali jew ħsara lill-proprjetà tagħhom. Jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn il-konsumaturi jkunu intitolati li jfittxu kumpens skont il-leġiżlazzjoni rilevanti li tindirizza prodotti difettużi jew oġġetti mhux konformi, inklużi d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/EEC<sup>1a</sup>, id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament*

*Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup> u d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1c</sup>, kif applikabbli. Barra minn hekk, il-konsumaturi jistgħu jinvokaw rimedji bbażati fil-liġi kuntrattwali, kif applikabbli skont il-liġi tal-Istat Membru tagħhom.*

---

<sup>1a</sup> *Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).*

<sup>1b</sup> *Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12).*

<sup>1c</sup> *Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21).*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Premessa 45a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(45a) Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effikaċi fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi, jenħtieġ jiġi ċċarat li l-informazzjoni kkonċernata tkopri wkoll l-informazzjoni li jeħtieġ tingħata lil operaturi indipendenti oħra minbarra min isewwi, u f'format li jippermetti pproċessar elettroniku ulterjuri b'tali mod li jiġi żgurat li s-suq indipendenti tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi iġenerali jkun jista' jikkompeti ma' bejjiegħa awtorizzati, irrispettivament minn jekk il-manifattur tal-vettura jagħtix tali informazzjoni*

*direttament lil min isewwi jew lill-bejjeġha awtorizzati.*

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-vetturi u l-makkinarji li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, diment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti **sostantivi** ta' dan ir-Regolament:

##### *Emenda*

3. Għall-vetturi u l-makkinarji li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, diment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament:

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) vetturi mfassla u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

##### *Emenda*

(b) vetturi mfassla u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar, **mill-korpi ta' ġestjoni tad-diżastri** u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

## Emenda 52

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **għandhom** japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

##### *Emenda*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament **u tal-atti regolatorji tal-UE elenkati fl-Anness IV, ħlief jekk previst mod ieħor fihom**, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) 'sorveljanza tas-suq' tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;

#### *Emenda*

(2) "sorveljanza tas-suq" tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza, ***l-ambjent*** jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku ***inklużi d-drittijiet tal-konsumatur***;

## Emenda 54

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(7a) "parts jew tagħmir oriġinali" tfisser parts jew tagħmir manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta' produzzjoni pprovduti mill-manifattur tal-vettura għall-produzzjoni ta' parts ta' tagħmir għall-assemblaġġ tal-vettura inkwistjoni; dawn jinkludu parts jew tagħmir li huma manifatturati fl-istess linja tal-produzzjoni bħal dawn il-parts ta' tagħmir; sakemm ma jiġix ipprovat il-kontra, huwa preżunt li parts jikkostitwixxu parts oriġinali jekk il-manifattur jiċċertifika li l-parts huma tal-istess kwalità bħall-komponenti użati għall-assemblaġġ tal-vettura inkwistjoni u jkunu ġew manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta' produzzjoni tal-manifattur tal-vettura;***



## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) 'manifattur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli **għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni** tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali, jew għall-proċess ta' awtorizzazzjoni għal parts u tagħmir, sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni **u li hija responsabbli wkoll għal kwistjonijiet** tas-sorveljanza tas-suq għal dawk il-vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u tagħmir immanifatturati, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx involuta direttament jew le fl-istadji kollha tad-disinn u l-konstruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata;

#### *Emenda*

(9) "manifattur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli **mill-konformità mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u mar-rekwiżiti tekniċi li japplikaw sabiex tinkiseb l-approvazzjoni** tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali, jew għall-proċess ta' awtorizzazzjoni għal parts u tagħmir, **u** sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni, **kif ukoll għall-iffaċilitar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet** tas-sorveljanza tas-suq għal dawk il-vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u tagħmir immanifatturati, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx involuta direttament jew le fl-istadji kollha tad-disinn u l-konstruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata;

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

16. 'reġistrazzjoni' tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva **temporanja jew permanenti** għad-dħul fis-servizz fit-traffiku bit-triq ta' vettura, **inkluża** l-identifikazzjoni **tal-vettura** u l-ħruġ ta' numru tas-serje;

#### *Emenda*

16. "reġistrazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz fit-traffiku bit-triq ta' vettura, **li tinvolvi** l-identifikazzjoni **tagħha** u l-ħruġ ta' numru tas-serje **għaliha, magħruf bħala n-numru ta' reġistrazzjoni, sew fuq bażi permanenti u sew fuq bażi temporanja, inkluż għal żmien qasir,**

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) 'tip ta' vettura' tfisser **kategorija** partikolari ta' vetturi li mhumiex differenti tal-inqas fil-kriterji essenzjali speċifikati fil-Parti B tal-Anness II, u li jista' jkollhom varjanti u verżjonijiet imsemmija fl-istess kategorija;

*Emenda*

(35) "tip ta' vettura" tfisser **grupp** partikolari ta' vetturi li mhumiex differenti tal-inqas fil-kriterji essenzjali speċifikati fil-Parti B tal-Anness II, u li jista' jkollhom varjanti u verżjonijiet imsemmija fl-istess kategorija;

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 37**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(37) 'vettura bażi' tfisser kwalunkwe vettura li tintuża fl-istadju inizjali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji;

*Emenda*

(37) "vettura bażi" tfisser kwalunkwe vettura li tintuża fl-istadju inizjali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, **irrispettivament minn jekk hijiex vettura bil-mutur jew le;**

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 42**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(42) 'approvazzjoni ta' vettura individwali' tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti għall-approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE **u** għall-approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali;

*Emenda*

(42) "approvazzjoni ta' vettura individwali" tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti għall-approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE **jew** għall-approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali;

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 46**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(46) 'informazzjoni dwar it-tiswija u l-

*Emenda*

(46) "informazzjoni dwar it-tiswija u l-

manutenzjoni tal-vettura' tfisser l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dijanjożi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, **il-monitoraġġ perjodiku**, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta' vettura, kif ukoll għall-immuntar ta' parts u tagħmir fuq il-vetturi, u li tiġi pprovduta mill-manifattur **lill-bejgiegħa awtorizzati u lil** min isewwi, inklużi l-emendi u ż-żidiet sussegwenti kollha għal dik l-informazzjoni;

manutenzjoni tal-vettura" tfisser l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dijanjożi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, **l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali**, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta' vettura, kif ukoll għall-immuntar ta' parts u tagħmir fuq il-vetturi, u li **tintuża jew** tiġi pprovduta mill-manifattur, **inklużi s-sħab, il-bejgiegħa**, min isewwi **u n-netwerk awtorizzati tiegħu, biex joffru prodotti jew servizzi għal skopijiet ta' tiswija u manutenzjoni tal-vettura**, inklużi l-emendi u ż-żidiet sussegwenti kollha għal dik l-informazzjoni;

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 55

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(55) "valutazzjoni fuq il-post" tfisser verifika **mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip** fil-bini tas-servizz tekniku jew wieħed mis-sottokuntratturi jew waħda mis-sussidjarji tiegħu;

#### *Emenda*

(55) "valutazzjoni fuq il-post" tfisser verifika fil-bini tas-servizz tekniku jew wieħed mis-sottokuntratturi jew waħda mis-sussidjarji tiegħu;

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 56a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(56a) "apparat ta' manipulazzjoni" tfisser kwalunkwe element funzjonali tad-disinn, meta jiffunzjona kif xieraq, li jipprevjeni milli s-sistemi approvati ta' kontroll u monitoraġġ tal-vettura jkunu effiċjenti u effikaċi kif ukoll jipprevjeni l-konformità mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni taħt l-ispettru sħiħ tal-kundizzjonijiet ta' sewqan fid-dinja reali.**

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni ***għandha tingħata*** s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness II dwar ***il-kategorizzazzjoni tas-sub-kategoriji ta' vetturi***, it-tipi ta' vetturi u t-tipi ta' karozzerija bil-għan li tadattah għall-progress tekniku.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni ***hija mogħtija*** s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness II dwar it-tipi ta' vetturi u t-tipi ta' karozzerija bil-għan li tadattah għall-progress tekniku.

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq jaderixxu ma' separazzjoni stretta tar-rwoli u r-responsabbiltajiet u jiffunzjonaw b'mod indipendenti minn xulxin.***

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***1a. Fejn aktar minn awtorità tal-approvazzjoni waħda tkun responsabbli mill-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi inkluża l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura individwali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jaħtar awtorità tal-approvazzjoni tat-tip unika għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u għall-konformità mal-***

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

#### *Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ***bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 18(5) tiegħu.***

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat, ikunu intitolati li jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi ***u jissekwestraw il-kampjuni*** meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità.

#### *Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat, ikunu intitolati li jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi ***fit-territorju tagħhom u jieħdu l-kampjuni*** meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità.

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom. It-tali

#### *Emenda*

6. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom, ***inkluża l-***

reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *erba'* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel *sommarju* tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari *n-numru tal-approvazzjoni* tat-tip mogħtija u l-identità tal-manifatturi korrispondenti.

*konformità tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont dan ir-Regolament.* It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *tliet* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn, *lill-Parlament Ewropew* u lill-Kummissjoni. *Ir-riżultati għandhom jiġu diskussi mill-Forum stabbilit skont l-Artikolu 10.* L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel *rapport sħiħ* tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, *li għandu jinkludi* b'mod partikolari *l-għadd ta' approvazzjonijiet* tat-tip mogħtija *jew miċħuda, is-suġġett taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip* u l-identità tal-manifatturi korrispondenti *u s-servizzi tekniċi responsabbli mis-sorveljanza tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip.*

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *erba'* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati *aċċessibbli għall-pubbliku.*

#### *Emenda*

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull *tliet* snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn, *lill-Parlament Ewropew* u lill-Kummissjoni. *Ir-riżultati għandhom jiġu diskussi mill-Forum stabbilit skont l-Artikolu 10.* L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati *disponibbli pubblikament, li għandu jinkludi, b'mod partikolari, l-għadd ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għall-ittestjar jew għal valutazzjoni oħra. Is-sommarju għandu jinkludi lista ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li jinsab li mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jekk applikabbli, l-identità tal-manifatturi korrispondenti, u*

*deskrizzjoni qasira tan-natura tan-nuqqas ta' konformità.*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7a. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kriterji komuni għan-nomina, ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-livell nazzjonali.*

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jimplimentaw u jinfurzaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'mod uniformi u konsistenti biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u jevitaw li jiġu applikati standards diverġenti madwar l-Unjoni. Dawn għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Forum u mal-Kummissjoni fl-attivitajiet ta' awditjar u sorveljanza tagħhom fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq talba.*

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Dawn għandhom

2. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Dawn għandhom

josservaw il-kunfidenzjalità **meta jkun meħtieġ** sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

josservaw il-kunfidenzjalità sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali **tal-operaturi ekonomiċi**, soġġett għall-obbligu ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni **skont il-liġi applikabbli**.

### Emenda 73

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Stat Membru fejn iktar minn awtorità tal-approvazzjoni waħda hija responsabbli għall-approvazzjoni tal-vettura inkluż approvazzjoni tal-vettura individwali, għandu jaħtar awtorità ta' approvazzjoni unika għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u għall-obbligi stabbiliti f'Kapitolu XV ta' dan ir-Regolament.**

**imħassar**

### Emenda 74

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni fi ħdan Stat Membru għandhom **jikkooperaw ma' xulxin billi jaqsmu** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni fi ħdan Stat Membru għandhom **jimplimentaw proċeduri biex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effikaċi, kif ukoll qsim ta'** informazzjoni **effiċjenti u effikaċi** rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

### Emenda 75

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)



**3a. Meta awtorità tal-approvazzjoni ssib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih lill-membri tal-Forum dwar l-Infurzar malli tirċievi din in-notifika.**

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-kriterji komuni għall-ħatra, ir-reviżjoni u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fil-livell nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).**

**imħassar**

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq għandhom iwettqu **l-kontrolli** regolari sabiex jivverifikaw **il-konformità tal-vetturi**, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati **mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. Dawk il-kontrolli** għandhom **isiru fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u permezz ta' testijiet b'impetu reali u tal-laboratorju fuq il-bażi ta' kampjuni statistikament rilevanti.**

1. L-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq għandhom iwettqu **testijiet u spezzjonijiet** regolari **b'konformità mal-programmi annwali nazzjonali approvati skont il-paragrafi 2 u 3** sabiex jivverifikaw **li l-vetturi**, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati **huma konformi mal-approvazzjonijiet tat-tip u mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Tali testijiet u spezzjonijiet** għandhom **jiwettqu permezz ta', inter alia, testijiet fil-laboratorju u testijiet tal-emissjonijiet f'sewqan reali,**

Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet *ta' sorveljanza* tas-suq għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, *l-ilmenti* u informazzjoni oħra.

*abbażi ta' kampjuni statistikament rilevanti, u għandhom jiġu ssupplimentati minn* kontrolli dokumentarji. *L-Istati Membri għandhom iwettqu* testijiet jew spezzjonijiet fuq bażi annwali fuq għadd ta' *tipi li għandu jammonta għal mill-inqas 20 % tal-għadd ta' tipi mqiegħda fis-suq f'dak l-Istat Membru matul is-sena ta' qabel*. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet *tas-sorveljanza* tas-suq għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, *ilmenti ssostanzjati* u informazzjoni *rilevanti* oħra, *inklużi r-riżultati tat-testijiet ippubblikati minn partijiet terzi rikonoxxuti, teknoloġiji ġodda fis-suq u rapporti minn spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u telerilevament fit-triq*.

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jserrħu fuq organizzazzjonijiet indipendenti tal-ittestjar biex iwettqu l-kompiti tekniċi, bħal testijiet jew spezzjonijiet. Ir-responsabbiltà għar-riżultati tibqa' f'idejn l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq. Meta jintużaw servizzi tekniċi għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw li jintuża servizz tekniku differenti mis-servizz tekniku li jkun wettaq it-test tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.*

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iħejju u jippreżentaw*

*programm nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni fuq bażi annwali jew pluriennali. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw programmi jew azzjonijiet konġunti.*

*Il-programmi nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:*

*(a) l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati;*

*(b) id-dettalji ta' kif għandhom jitwettqu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, inkluża informazzjoni dwar l-użu ta' kontrolli dokumentarji, fiżiċi u fil-laboratorju, u kif din tirrifletti l-prinċipji tal-valutazzjoni tar-riskju, u kif tindirizza l-ilmenti ssostanzjati, volumi kbar ta' mudelli ta' vetturi fl-użu fit-territorju tagħhom, u l-parts tagħhom, l-ewwel applikazzjoni ta' magna jew teknoloġija ġdida, rapporti minn spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u informazzjoni rilevanti oħra, inkluż minn operaturi ekonomiċi jew ir-riżultati tal-ittestjar ippubblikati minn partijiet terzi rikonoxxuti;*

*(c) sommarju tal-azzjonijiet meħuda fil-programm preċedenti, inkluża dejta statistika rilevanti dwar l-iskala tal-attivitajiet imwettqa, l-azzjonijiet li ttieħdu b'segwitu u r-riżultati tagħhom. Fil-każ ta' programm pluriennali, sommarju tal-azzjonijiet għandu jitħejja u jiġi ppreżentat fuq bażi annwali lill-Kummissjoni u lill-Forum dwar l-Infurzar; u*

*(d) id-dettalji tal-arranġamenti ta' finanzjament notifikati skont l-Artikolu 30(4) u r-riżorsi umani ddedikati għas-sorveljanza tas-suq, u l-adegwatezza tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati.*

## **Emenda 80**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni disponibbli skont kif iqisu meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

*Emenda*

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni disponibbli skont kif iqisu meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom. ***Dan għandu jinkludi aċċess għas-softwer, l-algoritmi, l-unitajiet tal-kontroll tal-magni u kwalunkwe speċifikazzjoni teknika oħra meqjusa meħtieġa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.***

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li għandhom it-tip tagħhom approvat, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw xierqa ċ-ċertifikati ta' konformità ***ppreżentati*** mill-operaturi ekonomiċi.

*Emenda*

3. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li għandhom it-tip tagħhom approvat, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw xierqa ċ-ċertifikati ta' konformità, ***il-marki tal-approvazzjoni tat-tip jew iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip ippreżentati*** mill-operaturi ekonomiċi.

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtoritajiet ***ta' sorveljanza*** tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti fit-territorji tagħhom f'perjodu ta' żmien adegwat dwar ***il-perikli*** li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra.

*Emenda*

L-awtoritajiet ***tas-sorveljanza*** tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti fit-territorji tagħhom f'perjodu ta' żmien adegwat dwar ***in-nuqqas ta' konformità*** li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra. ***Din l-informazzjoni għandha tittiegħed għad-dispożizzjoni fuq is-sit***

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta l-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq ta' Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent u unità teknika separata mis-suq, skont l-Artikolu 49(5), għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u **fejn applikabbli** l-awtorità tal-approvazzjoni **relevanti**.

#### *Emenda*

5. Meta l-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq ta' Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mis-suq, skont l-Artikolu 49(5), għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u l-awtorità tal-approvazzjoni **rilevanti**.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**5a. Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih lill-membri tal-Forum dwar l-Infurzar malli tirċievi din in-notifika.**

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

6. L-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità **fejn ikun hemm bżonn** sabiex iħarsu s-sigrieti

6. L-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali **tal-operaturi**

kummerċjali, soġġett **għall-obbligu** ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) kemm ikun hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni Ewropea.

**ekonomiċi**, soġġett **għall-obbligu** ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) kemm ikun hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni Ewropea.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull erba' snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.**

**imħassar**

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri differenti għandhom jikkordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin u jaqsmu ma' xulxin u mal-Kummissjoni r-riżultati tagħhom. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu fuq il-qsim tax-xogħol u l-ispeċjalizzazzjoni.**

**imħassar**

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, dawk l-awtoritajiet għandhom ***jikkooperaw ma' xulxin, billi jaqsmu*** informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

*Emenda*

9. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, dawk l-awtoritajiet għandhom ***jimplimentaw proċeduri biex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effikaċi u qsim ta'*** informazzjoni ***effiċjenti u effikaċi*** rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***10. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-kriterji għall-istabbiliment tal-iskala, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin imsemmijin fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).***

*Emenda*

***imħassar***

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***10a. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku rapport dwar il-konklużjonijiet tagħhom wara kull test ta' verifika tal-konformità li jkun wettqu u għandhom jgħadduhom lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan ir-rapport lill-membri tal-Forum dwar l-Infurzar. Ir-rapport għandu jkun fih id-dettalji tal-***

*Emenda*

*vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma vvalutati u l-identità tal-manifatturi korrispondenti, u deskrizzjoni qasira tal-konklużjonijiet, inkluża n-natura tan-nuqqas ta' konformità, jekk ikun hemm.*

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew teħtieġ li jitwettqu, fuq skala adegwata, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati **jikkonformaw** mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġislazzjoni applikabbli **kif ukoll biex tiġi żgurata l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip.**

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew teħtieġ li jitwettqu, fuq skala adegwata **u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-programmi nazzjonali maqbula għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq approvati skont l-Artikolu 8**, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati **jkunu konformi** mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġislazzjoni applikabbli.

***It-testijiet u l-ispezzjonijiet organizzati u mwettqa mill-Kummissjoni, jew bil-mandat tagħha, għandhom jindirizzaw il-kwistjoni tal-konformità waqt is-servizz tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.***

***Tali testijiet u spezzjonijiet għandhom jitwettqu permezz ta', inter alia, testijiet fil-laboratorju u testijiet tal-emissjonijiet f'sewqan reali, abbażi ta' kampjuni statistikament rilevanti, u għandhom jiġu ssupplimentati minn kontrolli dokumentarji.***

***Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, ilmenti ssostanzjati u informazzjoni rilevanti oħra, inklużi r-riżultati tat-testijiet ippubblikati minn partijiet terzi rikonoxxuti, teknoloġiji ġodda fis-suq u***



*rapporti minn spezzjonijiet tekniċi  
perjodiċi u telerilevament fit-triq.*

## Emenda 92

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, meta l-Kummissjoni, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, talba magħmula minn membru tal-Forum dwar l-Infurzar jew riżultati ppubblikati minn partijiet terzi rikonoxxuti, tikkunsidra li Stat Membru mhuwiex qed jissodisfa kif suppost l-obbligi tas-sorveljanza tas-suq jew tal-approvazzjoni tat-tip tagħha li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew tirrikjedi li jitwettqu, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà disponibbli fis-suq.*

## Emenda 93

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq organizzazzjonijiet indipendenti tal-ittestjar biex iwettqu l-kompiti tekniċi, bħal testijiet jew spezzjonijiet. Ir-responsabbiltà għar-riżultati tibqa' f'idejn il-Kummissjoni. Meta jinħatru servizzi tekniċi għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jintuża servizz tekniku differenti mis-servizz tekniku li jkun wettaq it-test tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.*

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, **għandhom** jipprovdu lill-Kummissjoni, numru statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin mill-Kummissjoni li huma rappreżentattivi għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq b'dik l-approvazzjoni tat-tip. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu fornuti għall-ittestjar ftali żmien u post u għall-perjodu li tkun teħtieġ il-Kummissjoni.

#### *Emenda*

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni, numru statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin mill-Kummissjoni li huma rappreżentattivi għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq b'dik l-approvazzjoni tat-tip. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu fornuti għall-ittestjar ftali żmien u post u għall-perjodu li tkun teħtieġ il-Kummissjoni, **skont is-sitwazzjoni**.

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa u jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha u appoġġ tekniku ieħor li l-esperti tal-Kummissjoni jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jwettqu testijiet, kontrolli u spezzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għall-bini kollu jew partijiet tal-bini u għall-informazzjoni, inklużi sistemi tal-kompjuter u softwer, rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom.**

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel l-ittestjar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri, għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dejta kollha marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati **soġġetta** għall-ittestjar tal-verifika tal-konformità. Din id-dejta għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 26(1).

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel l-ittestjar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu **minnufih** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dejta kollha marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati **soġġetti** għall-ittestjar tal-verifika tal-konformità. Din id-dejta għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 26(1).

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom **jagħmlu d-dejta** li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi **pubblika**. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha **ssir pubblika** u l-kundizzjonijiet għal **tali pubblikazzjoni**, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' **eżaminazzjoni** msemmija fl-Artikolu 87(2).

4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom **iqiegħdu għad-dispożizzjoni, bla ħlas u mingħajr dewmien żejjed, id-dejta** li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi **rikonoxxuti. Dik id-dejta għandha tinkludi l-parametri u l-konfigurazzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġu rreplikati b'mod preċiż il-kundizzjonijiet tat-test applikati fiż-żmien tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip. Id-dejta kollha ta' dan it-tip għandha tkun trattata b'rispett għall-protezzjoni leġittima ta' informazzjoni kummerċjali.** Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha **titqiegħed għad-dispożizzjoni** u l-kundizzjonijiet għal **dan, inklużi dawk għall-għoti ta' aċċess għal tali informazzjoni permezz tal-bażi ta' dejta online msemmija fl-Artikolu 10a**, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta personali skont l-**atti legalital**-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati

skont il-proċedura ta' *eżami* msemmija fl-Artikolu 87(2).

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq awditjar konġunt tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq biex tivverifika li dawn jimplimentaw, b'mod konsistenti, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u rigoruż. Wara konsultazzjoni mal-Forum, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan annwali ta' awditjar konġunti li jqis ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet preċedenti fid-determinazzjoni tal-frekwenza tal-valutazzjoni. F'każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex tqis li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma tissodisfax l-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' titlob li l-awditjar konġunt jitwettaq fuq bażi annwali.**

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4b. Sabiex twettaq dan il-kompitu, il-Kummissjoni għandha tirrikorri għal awdituri indipendenti kkuntrattati bħala partijiet terzi wara sejħa miftuħa għall-offerti. L-awdituri għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. L-awdituri għandhom josservaw il-kunfidenzjalità sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali skont il-liġi**

*applikabbli. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa u għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni u l-appoġġ kollu li l-awdituri jitolbu biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri jkollhom aċċess għall-bini kollu jew partijiet tal-bini u għall-informazzjoni, inklużi sistemi tal-kompjuter u softwer, rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom. Fuq talba, kull Stat Membru jista' jkun intitolat biex jibgħat osservatur fuq awditjar konġunt organizzat skont dan l-Artikolu. Dawn l-osservaturi ma għandhomx jinfluwenzaw kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-eżitu tal-awditjar konġunt.*

## **Emenda 100**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 4c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4c. L-eżitu tal-awditjar konġunt għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss mill-Forum stabbilit fl-Artikolu 10.*

## **Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 4d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4d. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kif ikun indirizza r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditjar konġunt imsemmi fil-paragrafu 4c.*

## Emenda 102

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4e (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4e. Il-Kummissjoni tista' titlob aktar informazzjoni mill-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq tagħhom meta jkollha raġuni biex temmen, wara eżami fil-Forum, li jkun hemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament. L-Istati Membri u l-awtoritajiet rispettivi tagħhom għandhom jipprovdu tali informazzjoni mingħajr dewmien żejjed.**

## Emenda 103

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta dawn it-testijiet u l-ispezzjonijiet ipoġġu f'dubju l-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip **stess**, il-Kummissjoni għandha tinforma **l-awtorità** tal-approvazzjoni jew l-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll **il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni** dwar l-Infurzar.

Meta dawn it-testijiet u l-ispezzjonijiet ipoġġu f'dubju l-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip **infisha**, il-Kummissjoni għandha tinforma **minnufih lill-awtorità** tal-approvazzjoni jew l-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll **lill-Istati Membri u l-membri tal-Forum** dwar l-Infurzar.

## Emenda 104

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tavża lill-utenti fl-Unjoni, inkluż l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti, f'perjodu ta' żmien adegwat, dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità li**

*tkun identifikat b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas ir-riskju ta' korriment jew ħsara oħra. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni fuq is-sit web tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem.*

## Emenda 105

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar **is-sejbiet** tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku rapport dwar **il-konklużjonijiet** tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq **u għandha tgħaddi dawn il-konklużjonijiet lill-Istati Membri u lill-membri tal-Forum dwar l-Infurzar. Ir-rapport għandu jkun fih id-dettalji tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma vvalutati u l-identità tal-manifatturi korrisponenti, u deskrizzjoni qasira tal-konklużjonijiet, inkluża n-natura tan-nuqqas ta' konformità, jekk ikun hemm, u, jekk ikun xieraq, jirrakkomanda azzjonijiet ta' segwitu lill-Istati Membri.**

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi **u** tippresjedi Forum **għall-Iskambju ta' Informazzjoni** dwar l-Infurzar ("il-Forum").

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, tippresjedi **u tamministra** Forum dwar l-Infurzar ("il-Forum").

## Emenda 107

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn membri maħturin mill-Istati Membri.

##### *Emenda*

Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn membri maħturin mill-Istati Membri, **inklużi l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq tagħhom.**

**Meta jkun xieraq, u mill-inqas darba fis-sena, il-Forum għandu wkoll jistieden osservaturi għal-laqgħat tiegħu. L-osservaturi mistiedna għandhom jinkludi rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tas-servizzi tekniċi, tal-organizzazzjonijiet għall-ittestjar terzi rikonoxxuti, tal-industrija jew ta' operaturi ekonomiċi rilevanti oħra, ta' NGOs tas-sikurezza u l-ambjent u ta' gruppi tal-konsumaturi. L-osservaturi mistiedna għal-laqgħat tal-Forum għandhom jikkostitwixxu firxa wiesgħa, rappreżentattiva u bbilanċjata ta' korpi tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jirrappreżentaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti.**

## Emenda 108

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**1a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-kalendarju tal-laqgħat, l-aġendi u l-minuti, inkluż rekord tal-attendenza.**

## Emenda 109

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

Il-Forum għandu jikkoordina netwerk ta'

Il-Forum għandu jikkoordina netwerk ta'



awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-  
approvazzjoni tat-tip u għas-sorveljanza  
tas-suq.

awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-  
approvazzjoni tat-tip u għas-sorveljanza  
tas-suq *sabiex jiffaċilita l-  
implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament,  
partikolarment fir-rigward tar-rekwiżiti  
dwar il-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u l-  
monitoraġġ ta' korpi maħtura u l-  
applikazzjoni ġenerali tar-rekwiżiti  
mniżżla f'dan ir-Regolament.*

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kompiti *ta' konsulenza* tiegħu  
għandhom jinkludu, *inter alia*, *il-  
promozzjoni ta' prassi tajba, l-iskambju  
ta' informazzjoni dwar il-problemi ta'  
infurzar, il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta'  
metodi tax-xogħol u għodod, żvilupp ta'  
proċedura ta' skambju ta' informazzjoni  
elettronika, l-evalwazzjoni ta' proġetti ta'  
infurzar armonizzati, il-penali, u l-  
ispezzjonijiet konġunti.*

#### *Emenda*

Il-kompiti tiegħu għandhom jinkludu:

- (a) il-kunsiderazzjoni tal-ilmenti  
sostanzjali, l-evidenza jew informazzjoni  
rilevanti oħra dwar nuqqas ta' konformità  
possibbli ppreżentata minn partijiet terzi  
rikonoxxuti;*
- (b) il-valutazzjoni u d-diskussjoni  
konġunta tal-programmi ta' sorveljanza  
tas-suq nazzjonali wara li jkunu ġew  
ippreżentati lill-Kummissjoni;*
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni fir-  
rigward ta' teknoloġiji ġodda disponibbli  
jew li se jsiru disponibbli fis-suq;*
- (d) il-valutazzjoni tar-riżultati tar-  
reviżjonijiet, kemm dawk skont l-  
Artikolu 6(6) kif ukoll dawk li jsegwu  
awditjar konġunt skont l-Artikolu 71(8),  
tal-funzjonament tal-awtoritajiet tal-  
approvazzjoni tat-tip;*
- (e) ir-reviżjoni tar-riżultati tal-  
valutazzjonijiet tal-funzjonament tas-*

*sorveljanza tas-suq;*

*(f) il-valutazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjonijiet, kemm skont l-Artikolu 80(3a) u dawk li jsegwu valutazzjoni konġunta skont l-Artikolu 80(4), tal-funzjonament tas-servizzi tekniċi; kif ukoll*

*(g) il-valutazzjoni, tal-inqas kull sentejn, tal-effettività tal-attivitajiet ta' infurzar, inkluż, fejn rilevanti, il-konsistenza u l-effettività ta' kwalunkwe tiswija, sejħa lura jew sanzjoni applikata mill-Istati Membri fejn vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati affettwati bin-nuqqas ta' konformità, ikunu mqiegħda fis-suq f'aktar minn Stat Membru wieħed.*

## **Emenda 111**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Meta, wara eżami fi ħdan il-Forum, il-Kummissjoni jkollha raġuni temmen li hemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni ulterjuri mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom. L-Istati Membri u l-awtoritajiet rispettivi tagħhom għandhom jipprovdu tali informazzjoni mingħajr dewmien żejjed.*

## **Emenda 112**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport dwar l-attivitajiet tal-Forum fuq bażi annwali.*

*Dan ir-rapport għandu jinkludi spjegazzjoni dettaljata tal-kwistjonijiet li l-Forum ikun qed jikkunsidra, l-azzjonijiet li jirriżultaw minn dawk id-deliberazzjonijiet u r-raġunament wara dawk l-azzjonijiet, inkluż fil-każ li ma tkun prevista ebda azzjoni. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tal-attivitajiet tal-Forum lill-Parlament Ewropew.*

## **Emenda 113**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10, paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. Jekk il-Kummissjoni turi li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ikkonċernata tkun kisret xi rekwiżit ta' dan ir-Regolament wara awditjar konġunt, din għandha immedjatament tinforma lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex tindirizza dan in-nuqqas ta' konformità. F'ċertu każijiet, u wara kunsiderazzjoni xierqa tan-natura tan-nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissospendi jew tirtira l-awtorità għall-awtorità tal-approvazzjoni kkonċernata biex taċċetta applikazzjonijiet ta' ċertifikati għal approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 21.*

## **Emenda 114**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2c – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fi żmien xahrejn wara li tissospendi jew tirtira tali awtorità skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Istati Membri dwar is-sejbiet tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta'*

*konformità. Meta jkun hemm bżonn sabiex tiżgura s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati biex jissospendu jew jirtiraw, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat li ma kellux jinħareġ.*

## **Emenda 115**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 10a*

##### *Bażi ta' dejta online*

- 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi ta' dejta online għall-iskambju elettroniku sikur ta' informazzjoni relatata mal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorizzazzjonijiet maħruġa, is-sorveljanza tas-suq u attivitajiet rilevanti oħra bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritiet ta' sorveljanza tas-suq, l-Istati Membri u l-Kummissjoni.*
- 2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-aċċess u r-reċezzjoni ta' aġġornamenti regolari mal-awtoritajiet rilevanti u s-sigurtà tad-dejta u l-kunfidenzjalità relatata mar-rekords miżmuma fil-bażi ta' dejta*
- 3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 25 fil-bażi ta' dejta. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dettalji tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura ta' vetturi reġistrati u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura allokat lil vettura skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE<sup>1a</sup> u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni aġġornamenti fuq bażi regolari. Din l-*

*informazzjoni għandha tkun disponibbli f'format li jippermetti tfittxija.*

*4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa bejn il-bażi ta' dejta u s-Sistema ta' Twissija Rapida tal-EU (RAPEX) u s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni dwar is-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), sabiex ikunu faċilitati l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u jkunu żgurati l-koordinazzjoni, il-konsistenza u l-akkuratezza tal-informazzjoni provduta lill-konsumaturi u partijiet terzi.*

*5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll interfaċċa pubblika aċċessibbli li għandha tinkludi l-informazzjoni li hemm fl-Anness IX u d-dettalji tal-awtorità tal-approvazzjoni li toħroġ iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 24 u tas-servizzi tekniċi li wettqu t-testijiet mitluba skont l-Artikolu 28. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik l-informazzjoni tiġi preżentata b'mod li tippermetti tfittxija.*

*Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll aċċess għall-informazzjoni meħtieġa għall-verifika tat-test, bi qbil mal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 9(4).*

*6. Bħala parti mill-bażi ta' dejta, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa għodda biex ittella' riżultati tat-test ta' partijiet terzi kif ukoll ilmenti dwar il-prestazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi oħra. Informazzjoni ppreżentata permezz ta' din l-għodda għandha tkun ikkunsidrata fir-rigward tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq previsti fl-Artikoli 8 u 9.*

*7. Biex tiġi ttestjata l-adegwatezza tal-użu tal-IMI għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni abbażi ta' dan l-Artikolu, għandu jitnieda proġett pilota sa ... [3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

---

*<sup>1a</sup>Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta'*

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li **huwa stess immanifattura u li jkunu tqiegħdu** fis-suq jew **iddaħħlu** fis-servizz ikunu ġew manifatturati u approvati b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li **huma mqiegħda** fis-suq jew **li daħħlu** fis-servizz ikunu ġew manifatturati u approvati b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **u li dawn jibqgħu jikkonformaw ma' daww ir-rekwiżiti irrISPettivament mill-metodu ta' ttestjar użat.**

## Emenda 117

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***Il-manifattur għandu jkun responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni u għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni irrISPettivament mill-metodu ta' testjar użat.***

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, manifattur stabbilit barra mill-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni sabiex jirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni. Dak il-

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, manifattur **ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati** stabbilit barra mill-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni sabiex jirrappreżenta lill-manifattur

manifattur għandu jaħtar ukoll rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, li jista' jkun l-istess rappreżentant maħtur għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni. Dak il-manifattur għandu jaħtar ukoll rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, li jista' jkun l-istess rappreżentant maħtur għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Meta japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-manifattur għandu juri li d-disinn tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati ma jinkorporax strateġiji jew mezzji oħra li jbiddu b'mod mhux meħtieġ il-prestazzjoni murija waqt proċeduri ta' test applikabbli meta daww il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jitħaddmu taħt kundizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li wieħed jiltaqa' magħhom fit-tħaddim u fl-użu normali.**

**Il-manifattur għandu jiżvela kwalunkwe strateġija ta' ġestjoni tal-magna li tista' tintuża, jew permezz ta' hardwer jew ta' softwer. Il-manifattur għandu jiżvela l-informazzjoni rilevanti kollha dwar dawn l-istrateġiji ta' ġestjoni, inklużi s-softwer użat, il-parametri ta' tali strateġiji u l-ġustifikazzjoni teknika bid-dettalji ta' għaliex huma meħtieġa.**

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-**

**imħassar**

*proċedura tal-approvazzjoni u għall-  
iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni,  
kemm jekk ikun involut direttament jew le  
fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni ta'  
vettura, sistema, komponent jew unità  
teknika separata.*

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Il-manifattur għandu, bil-għan li jhars l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, jinvestiga u jżomm reġistru tal-ilmenti u n-nuqqasijiet ta' konformità ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li hu jkun qiegħed fis-suq u jżomm lill-importaturi u lid-distributuri tiegħu informati dwar dan il-monitoraġġ.**

**Jekk in-numru ta' lmenti u ta' nuqqasijiet ta' konformità dwar tagħmir relatat mas-sikurezza jew mal-emissjonijiet jaqbeż it-30 każ jew il-1 fil-mija tat-total tal-vetturi, skont liema valur huwa aktar baxx, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir ta' tip, varjant u/jew verżjoni partikolari li tqiegħdu fis-suq, għandha tintbagħat mingħajr dewmien informazzjoni ddettaljata lill-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti responsabbli għall-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir kif ukoll lill-Kummissjoni.**

**L-informazzjoni għandu jkun fiha deskrizzjoni tal-kwistjoni u d-dettalji meħtieġa biex jiġi identifikat it-tip, il-varjant u l-verżjoni affettwati tal-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir. Din id-dejta ta' twissija bikrija għandha tintuża għall-identifikazzjoni ta' tendenzi potenzjali fl-ilmenti tal-konsumaturi u biex tiġi investigata l-ħtieġa għal sejħiet**



*lura mibdija mill-manifattur u attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq mill-Istati Membri u l-Kummissjoni.*

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7a. Il-manifattur għandu jiżgura li l-utent ta' vettura, wara informazzjoni minn qabel, jaqbel li tiġi proċessata u trażmessa d-dejta kollha li ġiet iġġenerata waqt l-użu tal-vettura bi qbil mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>. Meta l-iproċessar u t-trażmissjoni tad-dejta ma jkunx obbligatorju għall-funzjonament sikur tal-vettura, il-manifattur għandu jiżgura li l-utent tal-vettura jkollu l-għażla li jiskonnettja t-trasferiment tad-dejta u li hu/hi jkun jistgħu jagħmlu dan faċilment.*

---

<sup>1a</sup> *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Manifattur li jkun tal-fehma li l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, jew part jew tagħmir, li tpoġġew fis-suq jew iddaħħlu fis-servizz, mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament jew **li** l-*

*Meta manifattur iqis li vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, jew part jew tagħmir, li tpoġġew fis-suq jew iddaħħlu fis-servizz, mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament jew **meta** l-*

approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' dejta inkorretta, għandu jieħu l-miżuri xierqa minnufih sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir f'konformità, jew inkella sabiex jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, skont kif xieraq.

approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' dejta inkorretta, **il-manifattur** għandu jieħu l-miżuri xierqa minnufih sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir f'konformità, jew inkella sabiex jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, skont kif xieraq.

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, il-manifattur għandu jipprovdi minnufih informazzjoni dettaljata dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżuri meħuda lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq jew ikunu ddaħħlu fis-servizz għal dak il-għan.

#### *Emenda*

2. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, il-manifattur għandu jipprovdi minnufih informazzjoni dettaljata dwar in-nuqqas ta' konformità u **riskju u** dwar kwalunkwe miżuri meħuda lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq jew ikunu ddaħħlu fis-servizz għal dak il-għan.

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-manifattur għandu jżomm il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) għal perjodu ta' għaxar snin wara **t-tqegħid fis-suq ta'** vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara **t-tqegħid fis-suq ta'** sistema, komponent jew unità teknika separata.

#### *Emenda*

Il-manifattur għandu jżomm il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) **u barra minn hekk il-manifattur tal-vettura għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni kopja taċ-ċertifikati tal-konformità msemmija fl-Artikolu 34** għal perjodu ta' għaxar snin wara **t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal** vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara **t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal** sistema, komponent jew unità teknika

separata.

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-manifattur tal-vettura għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni kopja taċ-ċertifikati ta' konformità msemmija fl-Artikolu 34.***

*Emenda*

***imħassar***

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-manifattur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdi lil dik l-awtorità, permezz tal-awtorità tal-approvazzjoni, b'kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew bl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment ***mill-awtorità nazzjonali.***

*Emenda*

Il-manifattur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali ***jew il-Kummissjoni***, jipprovdi lil dik l-awtorità, ***jew lill-Kummissjoni***, permezz tal-awtorità tal-approvazzjoni, b'kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew bl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, ***il-part jew it-tagħmir*** b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment.

## Emenda 128

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-manifattur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jikkoopera ma' dik l-awtorità dwar kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex telimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità

*Emenda*

Il-manifattur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali ***jew mill-Kummissjoni***, jikkoopera ma' dik l-awtorità ***jew mal-Kummissjoni***, dwar kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex telimina r-riskji

teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

## Emenda 129

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Obbligi tar-rappreżentanti tal-manifattur  
***fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq***

*Emenda*

Obbligi tar-rappreżentanti tal-manifattur

## Emenda 130

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Ir-rappreżentant tal-manifattur ***għas-sorveljanza tas-suq*** għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mill-manifattur. Dak il-mandat għandu jipprovdi lir-rappreżentant jagħmel mill-inqas dawk li ġejjin:

*Emenda*

1. Ir-rappreżentant tal-manifattur għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mill-manifattur. Dak il-mandat għandu jipprovdi lir-rappreżentant jagħmel mill-inqas dawk li ġejjin:

## Emenda 131

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ikollu aċċess ***għall-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22*** u għaċ-ċertifikat ta' konformità ***msemmi fl-Artikolu 34*** f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Dokumentazzjoni bħal din għandha tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;

*Emenda*

(a) ikollu aċċess ***għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu*** u għaċ-ċertifikat ta' konformità f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Dokumentazzjoni bħal din għandha tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni ***u għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq*** għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità

teknika separata;

## Emenda 132

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) isegwi talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;

#### *Emenda*

(b) isegwi talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, ***inkluż kwalunkwe speċifikazzjoni teknika fl-approvazzjoni tat-tip u aċċess għal softwer u algoritmi;***

## Emenda 133

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-dettalji ta' bidla għandhom jindirizzaw l-aspetti li ġejjin:

#### *Emenda*

3. Id-dettalji ta' bidla ***fil-mandat*** għandhom jindirizzaw l-aspetti li ġejjin:

## Emenda 134

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Qabel iqiegħed fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata bit-tip approvat, l-importatur għandu jivverifika li ***jkun ġie ppreżentat magħhom il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) mill-awtorità tal-approvazzjoni***, u li ***s-sistema, il-komponent*** jew l-unità teknika separata jkollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa u jkunu konformi mal-Artikolu 11(7).

#### *Emenda*

Qabel iqiegħed fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata bit-tip approvat, l-importatur għandu jivverifika li ***dawn ikunu koperti minn ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip validu*** u li ***l-komponent*** jew l-unità teknika separata jkollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa u jkunu konformi mal-Artikolu 11(7).

## Emenda 135

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta l-importatur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, **li** ma jikkorrespondux għall-approvazzjoni tat-tip tagħhom, **huwa** ma għandux jippermetti t-tqegħid fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità. Meta huwa jikkunsidra li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, **huwa** għandu jgħarraf b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati bit-tip approvat, huwa għandu jgħarraf ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.

## Emenda 136

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-importatur għandu, bil-għan li jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, jinvestiga u jżomm regjistru tal-ilmenti u s-sejħiet lura ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li jkun qiegħed fis-suq u jżomm lid-distributuri tiegħu infurmati dwar **dan il-monitoraġġ**.

#### *Emenda*

3. Meta l-importatur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, **meta** ma jikkorrespondux għall-approvazzjoni tat-tip tagħhom, **l-importatur** ma għandux jippermetti t-tqegħid fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità. Meta huwa jikkunsidra li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, **l-importatur** għandu jgħarraf b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati bit-tip approvat, huwa għandu jgħarraf ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.

#### *Emenda*

6. L-importatur għandu, bil-għan li jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, jinvestiga u jżomm regjistru tal-ilmenti, **nuqqasijiet ta' konformità** u s-sejħiet lura ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li jkun qiegħed fis-suq u jżomm lid-distributuri tiegħu infurmati dwar **l-ilmenti u s-sejħiet lura**.

## Emenda 137

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. L-importatur għandu immedjatement jinforma lill-manifattur rilevanti dwar l-ilmenti u r-rapporti relatati mar-riskji, ma' inċidenti suspettati, jew ma' nuqqas ta' konformità relatati ma' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li hu jkun qiegħed fis-suq.**

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed fis-suq mill-importatur mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-importatur għandu minnufih jieħu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata f'konformità, jew inkella jirtirahom jew isejnhom lura mis-suq, kif xieraq.

1. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed fis-suq mill-importatur mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-importatur għandu minnufih jieħu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata f'konformità **taħt il-kontroll tal-manifattur**, jew inkella jirtirahom jew isejnhom lura mis-suq, kif xieraq. **L-importatur għandu wkoll jinforma lill-manifattur u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.**

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir jippreżentaw riskju serju, l-importatur għandu jipprovdi minnufih informazzjoni

Meta vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir **li jkunu tqiegħdu fis-suq** jippreżentaw riskju serju, l-importatur għandu jipprovdi minnufih

dettaljata dwar ir-riskju serju lill-manifattur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq.

informazzjoni dettaljata dwar ir-riskju serju lill-manifattur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq.

## Emenda 140

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Distributur għandu jivverifika, qabel jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, li tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom il-pjanċa statutorja jew il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa, li jkunu akkumpanjati bid-dokumenti meħtieġa, kif ukoll bi struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, kif mitlub mill-Artikolu 63, bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru rilevanti, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(7) u fl-Artikolu 14(4), rispettivament.

#### *Emenda*

**1.** Distributur għandu jivverifika, qabel jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, li tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom il-pjanċa statutorja jew il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa, li jkunu akkumpanjati bid-dokumenti meħtieġa, kif ukoll bi struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, kif mitlub mill-Artikolu 63, bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru rilevanti, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(7) u fl-Artikolu 14(4), rispettivament.

**2.** *Id-distributur għandu, bil-għan li jhars l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, jinvestiga lmenti u nuqqasijiet ta' konformità ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li jkun qiegħed fis-suq. Barra minn hekk, l-ilmenti u/jew in-nuqqasijiet ta' konformità kollha li jikkonċernaw aspetti ambjentali jew tas-sikurezza tal-vettura għandhom jiġu kkomunikati lill-importatur jew lill-manifattur mingħajr dewmien.*



## Emenda 141

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta d-distributur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **huwa** ma għandux jippermetti t-tqegħid **għad-disponibbiltà** fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità.

#### *Emenda*

1. Meta d-distributur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **id-distributur għandu jgħarraf lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip dwar dak il-fatt u** ma għandux jippermetti t-tqegħid fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità.

## Emenda 142

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. **Id-distributur li** jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed għad-disponibbiltà fis-suq mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jgħarraf lill-manifattur **jew** lill-importatur sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jinġiebu f'konformità, jew inkella jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, kif xieraq, b'konformità mal-Artikolu 12(1) jew mal-Artikolu 15(1).

#### *Emenda*

2. **Meta distributur** jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed għad-disponibbiltà fis-suq mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament, **id-distributur** għandu jgħarraf lill-manifattur, lill-importatur **u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tat l-approvazzjoni tat-tip** sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jinġiebu f'konformità, jew inkella jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, kif xieraq, b'konformità mal-Artikolu 12(1) jew mal-Artikolu 15(1).

## Emenda 143

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, id-distributur għandu minnufih jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar dak ir-riskju serju lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq. Id-distributur għandu jgħarrafhom ukoll b'kull azzjoni meħuda u jagħti dettalji, ***b'mod partikolari dwar ir-riskju serju u l-miżuri ta' korrezzjoni meħuda mill-manifattur.***

*Emenda*

3. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, id-distributur għandu minnufih jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar dak ir-riskju serju lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq. Id-distributur għandu jgħarrafhom ukoll b'kull azzjoni meħuda u jagħti dettalji ***tal-miżuri ta' korrezzjoni meħuda mill-manifattur.***

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Id-distributur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jikkoopera ma' dik l-awtorità fuq kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jelimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

*Emenda*

4. Id-distributur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali ***jew mill-Kummissjoni***, jikkoopera ma' dik l-awtorità ***jew mal-Kummissjoni*** fuq kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jelimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Għall-approvazzjoni*** tat-tip ta' sistema, l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u l-approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, hija applikabbli biss

*Emenda*

2. ***Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, għall-approvazzjoni*** tat-tip ta' sistema, l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u l-

l-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed.

approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, hija applikabbli biss l-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed.

## Emenda 146

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. Verifika għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, **anki** meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura.

#### *Emenda*

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni, ***f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness XVII***. Verifika għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, ***inkluż*** meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura. ***Din għandha tinkludi wkoll kontroll li l-prestazzjoni tas-sistemi li ngħataw approvazzjoni tat-tip b'mod separat tkun għadha konformi ma' dawg l-approvazzjonijiet tat-tip wara li jkunu ġew inkorporati f'vettura sħiħa.***

## Emenda 147

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-għażla tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa r-rekwiżiti ***sostantivi*** applikabbli li magħhom irid jikkonforma t-tip approvat ta' vettura fil-mument tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

#### *Emenda*

5. L-għażla tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa r-rekwiżiti ***kollha*** applikabbli li magħhom irid jikkonforma t-tip approvat ta' vettura fil-mument tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

## Emenda 148

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Il-manifattur għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni l-ammont neċessarju ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont l-atti regolatorji rilevanti għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.**

## Emenda 149

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Tista' tiġi sottomessa applikazzjoni waħda biss fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata u fi Stat Membru wieħed biss.

2. Tista' tiġi sottomessa applikazzjoni waħda biss fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata u fi Stat Membru wieħed biss. **Ladarba tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, il-manifattur ma għandux jitħalla jinterrompi l-proċedura u jippreżenta applikazzjoni għall-istess tip lil awtorità tal-approvazzjoni oħra jew servizzi tekniċi oħrajn. Barra minn hekk, jekk l-approvazzjoni tat-tip tiġi rrifjutata jew it-test f'servizz tekniku ifalli, il-manifattur m'għandux jitħalla jippreżenta applikazzjoni oħra għall-istess tip lil awtorità tal-approvazzjoni oħra jew lil servizz tekniku ieħor.**

## Emenda 150

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) dokument ta' informazzjoni, kif stabbilit fl-Anness I għal approvazzjoni tat-

(a) dokument ta' informazzjoni, kif stabbilit fl-Anness I għal approvazzjoni tat-

tip fi stadju wieħed jew imħallta, jew fl-Anness III għal approvazzjoni tat-tip pass pass;

tip ***tal-vettura kollha*** fi stadju wieħed jew imħallta, jew fl-Anness III għal approvazzjoni tat-tip ***tal-vettura kollha*** pass pass ***jew fl-atti regolatorji rilevanti fil-każ tal-approvazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;***

## Emenda 151

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip fil-kuntest tal-proċedura ***ta' applikazzjoni***.

#### *Emenda*

(d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip fil-kuntest tal-proċedura ***tal-approvazzjoni tat-tip***.

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-folder ta' informazzjoni għandu jiġi fornut f'format elettroniku ***li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni iżda għandu jiġi fornut ukoll f'format stampat***.

#### *Emenda*

2. Il-folder ta' informazzjoni għandu jiġi fornut f'format elettroniku.

## Emenda 153

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip pass pass għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata bis-sett komplet ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi fir-rapporti tal-ittestjar, meħtieġa skont l-atti ***applikabbli*** elenkati fl-Anness IV.

#### *Emenda*

Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip pass pass għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata bis-sett komplet ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi fir-rapporti tal-ittestjar ***u d-dokumenti li fihom l-informazzjoni***, meħtieġa skont l-atti ***regolatorji*** elenkati fl-Anness IV.

## Emenda 154

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ ta' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' sistema, approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, skont l-atti **applikabbli** elenkati fl-Anness IV, l-awtorità tal-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-folder ta' informazzjoni sakemm tinħareġ jew tiġi rrifjutata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.

#### *Emenda*

F'każ ta' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' sistema, approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, skont l-atti **regolatorji** elenkati fl-Anness IV, l-awtorità tal-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-folder **ta' informazzjoni u d-dokumenti** ta' informazzjoni sakemm tinħareġ jew tiġi rrifjutata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.

## Emenda 155

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip imħallta għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata biċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi r-rapporti tal-ittestjar, meħtieġa skont l-atti **applikabbli** elenkati fl-Anness IV.

#### *Emenda*

Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip imħallta għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata biċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi r-rapporti tal-ittestjar **u d-dokumenti ta' informazzjoni**, meħtieġa skont l-atti **regolatorji** elenkati fl-Anness IV.

## Emenda 156

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) fl-ewwel stadju, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istat tal-ikkompletar tal-vettura bażi;

#### *Emenda*

(a) fl-ewwel stadju, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE **u r-rapporti tat-testijiet** li huma rilevanti għall-istat tal-ikkompletar tal-vettura bażi;

## Emenda 157

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fit-tieni stadju u fl-istadji sussegwenti, daww il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istadju attwali tal-ikkompletar, flimkien ma' kopja ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vettura maħruġa fl-istadju preċedenti tal-kostruzzjoni, kif ukoll id-dettalji sħaħ ta' kwalunkwe bidliet jew żidiet li l-manifattur għamel fil-vettura.

##### *Emenda*

(b) fit-tieni stadju u fl-istadji sussegwenti, daww il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istadju attwali tal-ikkompletar, flimkien ma' kopja ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE **tal-vettura kollha** għall-vettura maħruġa fl-istadju preċedenti tal-kostruzzjoni, kif ukoll id-dettalji sħaħ ta' kwalunkwe bidliet jew żidiet li l-manifattur għamel fil-vettura.

## Emenda 158

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b) **tista'** tiġi fornuta b'konformità mal-Artikolu 22(2).

##### *Emenda*

L-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b) **għandha** tiġi fornuta b'konformità mal-Artikolu 22(2).

## Emenda 159

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess għas-softwer u l-algoritmi tal-vettura.

##### *Emenda*

L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess għas-softwer, **il-hardwer** u l-algoritmi tal-vettura, **flimkien ma' dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra li tippermetti livell ta' komprensjoni xieraq u rilevanti tas-sistemi, inkluż il-proċess tal-iżvilupp tas-sistemi u l-kunċett tas-sistemi, u l-funzjonijiet ta' tali softwer u hardwer li jippermettu li l-vettura tkun konformi**

*mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

*Matul il-perjodu ta' validità tal-  
approvazzjoni tat-tip tal-UE, għandu  
jinhata aċċess għas-softwer, hardwer u  
algoritmi tal-vettura sabiex tista' ssir  
verifika li r-rekwiżiti ta' dan ir-  
Regolament jkunu konformi matul l-  
ispezzjoni perjodika. Wara l-iskadenza  
taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u  
fil-każ li dak iċ-ċertifikat ma jiġġeddidx, l-  
aċċess għandu jkompli jinhata fuq talba.  
L-informazzjoni li għandha tiġi żvelata  
għal dawk il-finijiet partikolari ma tkunx  
ta' natura li xxekkel il-kunfidenzjalità ta'  
informazzjoni riżervata u tal-proprjetà  
intellettuali. Il-manifattur għandu  
jikkomunika lill-awtorità tal-  
approvazzjoni u lis-servizz tekniku -  
f'forma standardizzata - il-verżjoni tas-  
softwer li jirregola s-sistemi u l-  
komponenti relatati mas-sikurezza u l-  
konfigurazzjoni jew kalibrazzjonijiet oħra  
applikati għas-sistemi u l-komponenti  
relatati mal-emissjonijiet fil-ħin tal-  
applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip.  
Sabiex jiġu identifikati bidliet illegali  
sussegwenti għas-softwer, is-servizz  
tekniku għandu jiġi intitolat jimmarka s-  
softwer billi jissettja parametri  
korrispondenti.*

## Emenda 160

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) fil-każ tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha skont il-proċeduri pass pass, imħallta u f'diversi stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, b'konformità mal-Artikolu 20(4), li s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati huma koperti minn approvazzjonijiet tat-tip separati skont ir-rekwiżiti applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

#### *Emenda*

(d) fil-każ tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha skont il-proċeduri pass pass, imħallta u f'diversi stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, b'konformità mal-Artikolu 20(4), li s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati huma koperti minn approvazzjonijiet tat-tip **validi** separati skont ir-rekwiżiti applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.



## Emenda 161

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-pakkett ta' informazzjoni għandu jinkludi indiċi li jindika b'mod ċar il-paġni kollha u l-format ta' kull dokument u li jirreġistra b'mod kronoloġiku l-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

#### *Emenda*

Il-pakkett ta' informazzjoni **jista' jinżamm b'mod elettroniku u** għandu jinkludi indiċi li jindika b'mod ċar il-paġni kollha u l-format ta' kull dokument u li jirreġistra b'mod kronoloġiku l-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

## Emenda 162

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, minkejja li huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jippreżenta riskju **serju** għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha u li jistabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.

#### *Emenda*

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, minkejja li huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jippreżenta riskju għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha u li jistabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.

## Emenda 163

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Skont l-Artikolu 20(4) u (5), fil-każ ta' proċeduri pass wara pass, imħalltin u dawk b'ħafna stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni

#### *Emenda*

Skont l-Artikolu 20, fil-każ ta' proċeduri pass wara pass, imħalltin u dawk b'ħafna stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha

għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE, meta ssib li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fl-atti elenkati fl-Anness IV.

tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE, meta ssib li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fl-atti elenkati fl-Anness IV.

## Emenda 164

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, ***tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża inklużi r-rapporti tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika li hija approvat. Dik il-kopja għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.***

#### *Emenda*

1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, ***tissottometti fil-bażi ta' dejta online informazzjoni li jkun fiha ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża inklużi r-rapporti tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika li hija approvat.***

## Emenda 165

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***Meta mitluba minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew il-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lill-awtorità tal-approvazzjoni rikjedenti kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża, permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl***

#### *Emenda*

***imħassar***

## Emenda 166

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar minnha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, billi tagħti r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha.

#### *Emenda*

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar minnha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, billi tagħti r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha. ***L-awtorità tal-approvazzjoni għandha wkoll taġġorna din l-informazzjoni fil-bażi ta' dejta online.***

## Emenda 167

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, kampjun mimli taċ-ċertifikat ta' konformità.

#### *Emenda*

(d) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, kampjun mimli taċ-ċertifikat ta' konformità ***tat-tip ta' vettura.***

## Emenda 168

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-konformità*** mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV ***għandha tintwera*** permezz ta' testijiet xierqa ***b'konformità mal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV, imwettqa*** mis-servizzi tekniċi ***nnominati.***

#### *Emenda*

1. ***Għall-fini tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-konformità*** mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji ***rilevanti*** elenkati fl-Anness IV permezz ta' testijiet xierqa ***mwettqa*** mis-servizzi tekniċi ***maħtura.***

***Il-format tar-rapporti tat-testijiet għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali***

## Emenda 169

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni bil-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

#### *Emenda*

2. Il-manifattur għandu jipprovdi **lis-servizzi tekniċi rilevanti u** lill-awtorità tal-approvazzjoni bil-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

## Emenda 170

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu skont l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV. Meta jkunu previsti firxa ta' valuri fil-proċeduri tal-ittejtjar stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti, is-servizzi tekniċi għandhom ikunu kapaċi jistabbilixxu l-parametri u l-kundizzjonijiet użati biex jitwettqu t-testijiet xierqa msemmija fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-vetturi magħżula għall-ittejtjar jirrapreżentaw l-ogħar każ fir-rigward tal-konformità mal-kriterji rispettivi u li l-vetturi magħżula ma jwasslux biex jinkisbu riżultati li jkunu sistematikament diverġenti mill-prestazzjoni meta daww il-vetturi jkunu mħaddma taħt kundizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li wieħed jiltaqa' magħhom fit-tħaddim u fl-użu normali.**

## Emenda 348

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-Artikolu 3(10) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u s-servizzi tekniċi jistgħu jiddevjaw mill-proċeduri standard tat-testijiet u mill-medda ta' valuri u għandhom jimmodifikaw il-kundizzjonijiet u l-parametri b'mod mhux prevedibbli, u jistgħu wkoll, b'mod partikolari, jagħmlu dan lil hinn mill-valuri u l-proċeduri stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.**

## Emenda 171

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha għandha tivverifika għadd statistikament rilevanti ta' kampjuni ta' vetturi u ċertifikati ta' konformità fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 34 u 35 u għandha tivverifika li d-dejta fiċ-ċertifikati ta' konformità hija korretta.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha għandha tivverifika għadd **adegwat u** statistikament rilevanti ta' kampjuni ta' vetturi u ċertifikati ta' konformità fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 34 u 35 u għandha tivverifika li d-dejta fiċ-ċertifikati ta' konformità hija korretta.

## Emenda 172

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha twettaq il-kontrolli jew mit-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni.

*Emenda*

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha twettaq il-kontrolli jew mit-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni. ***L-awtorità ta' approvazzjoni għandha twettaq l-ewwel fost dawk il-kontrolli fi żmien sena mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikati ta' konformità. L-awtorità ta' approvazzjoni għandha twettaq kontrolli tal-inqas darba fis-sena f'intervalli mhux regolari li hi għandha tiddetermina.***

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Meta twettaq ittestjar ta' verifika skont il-paragrafi 2 u 4, awtorità tal-approvazzjoni għandha taħtar servizz tekniku differenti minn dak użat matul l-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.***

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE u li tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat, jew li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' konformità

5. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE u li tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat, ***mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew mar-***

ma għadhomx konformi mal-Artikoli 34 u 35, anki jekk il-produzzjoni titkompli, għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li ***l-proċedura*** għall-konformità tal-produzzjoni ***tiġi segwita*** b'mod korrett jew inkella tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

***rekwiżiti tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV***, jew ***li*** tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx konformi mal-Artikoli 34 u 35, anki jekk il-produzzjoni titkompli, għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li ***l-arranġamenti*** għall-konformità tal-produzzjoni ***jiġu segwiti*** b'mod korrett jew inkella tirtira l-approvazzjoni tat-tip. ***L-awtorità tal-approvazzjoni tista' tiddeċiedi li tiegħu l-miżuri restrittivi kollha meħtieġa skont l-Artikoli 53 u 54.***

## Emenda 175

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu struttura tat-tariffi nazzjonali sabiex ikopru l-kostijiet għall-attivitajiet ta' approvazzjonijiet*** tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom ***kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin*** mis-servizzi tekniċi ***li għażlu.***

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-kostijiet għall-attivitajiet ***tal-approvazzjoni*** tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom ***jkunu koperti. L-Istati Membri jistgħu jimplementaw struttura abbażi ta' tariffi jew jistgħu jiffinanzjaw tali attivitajiet permezz tal-baġits nazzjonali tagħhom, jew japplikaw kumbinazzjoni taż-żewġ metodi. It-tariffi ma għandhomx ikunu imposti direttament mis-servizzi tekniċi.***

## Emenda 176

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Dawn*** it-tariffi nazzjonali għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. It-tariffi ***ma għandhomx*** ikunu imposti ***direttament mis-servizzi tekniċi.***

#### *Emenda*

2. ***Meta struttura abbażi ta' tariffi tiġi implimentata, dawk*** it-tariffi nazzjonali għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. ***Meta struttura abbażi ta' tariffi tapplika għall-konformità ta' produzzjoni, dawk*** it-tariffi ***nazzjonali għandhom*** ikunu imposti ***mill-Istat Membru fuq il-manifattur fl-Istat***

## Emenda 177

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. *L-istruttura tat-tariffi nazzjonali*, għandha *tkopri wkoll* l-ispejjeż għall-ispezzjonijiet u t-testijiet *ta' verifika tal-konformità mwettqa* mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9. *Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu d-dħul estern assenjat għall-baġit* ġenerali tal-Unjoni Ewropea, *skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju.*

---

<sup>26</sup>*Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1–96).*

## Emenda 178

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dettalji *tal-istruttura tat-tariffi nazzjonali* tagħhom lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-ewwel notifika għandha ssir fi [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + sena]. L-aġġornamenti sussegwenti tal-istrutturi tat-tariffi nazzjonali għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri l-oħrajn u

#### *Emenda*

3. *Il-Kummissjoni* għandha *tiżgura li* l-ispejjeż għall-ispezzjonijiet u t-testijiet *awtorizzati* mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 *huma koperti. Il-baġit* ġenerali tal-Unjoni Ewropea *għandu jintuża għal dan l-għan.*

#### *Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dettalji *tal-mekkaniżmu jew mekkaniżmi finanzjarji* tagħhom lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-ewwel notifika għandha ssir fi [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + sena]. L-aġġornamenti sussegwenti tal-istrutturi tat-tariffi nazzjonali għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri l-oħrajn u



## Emenda 179

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. *Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ż-żieda msemmija fil-paragrafu 3 li trid tiġi applikata għat-tariffi nazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 180

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-bidliet fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni ***huma sostanzjali, sal-punt li*** ma jistgħux ikunu koperti minn estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip eżistenti, hija għandha tirrifjuta li temenda l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u titlob lill-manifattur sabiex japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

*Emenda*

5. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-bidliet fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni ma jistgħux ikunu koperti minn estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip eżistenti, hija għandha tirrifjuta li temenda l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u titlob lill-manifattur sabiex japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

## Emenda 181

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ba) ir-riżultati tal-ittestjar ta' verifika mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq juru xi nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjonijiet dwar is-*

*Emenda*

## Emenda 182

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta' **5 snin** ***mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid***. Id-data ta' skadenza għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip. ***Wara*** l-iskadenza taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, dan jista' jiġġedded wara applikazzjoni mill-manifattur u biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta' vettura, ***sistema, komponent u unità teknika separata*** huwa konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti għall-vetturi, ***is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** ġodda ***ta' dak it-tip***.

#### *Emenda*

1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi ***ta' kategoriji M1 u N1 u għal*** sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ***elenkati bi qbil mal-paragrafu 1a,*** għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta' **7 snin** ***u għal vetturi ta' kategoriji N2, N3, M2, M3 u O għal perjodu limitat ta' 10 snin***. Id-data ta' skadenza għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ***tal-UE***.

***Qabel*** l-iskadenza taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, dan jista' jiġġedded wara applikazzjoni mill-manifattur u biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta' vettura ***b'mod sħiħ*** huwa konformi mar-rekwiżiti kollha, ***inklużi l-protokoll tal-ittestjar,*** tal-atti regolatorji rilevanti għal vetturi ġodda ***ta' dak it-tip approvat***. ***Meta l-awtorità tal-approvazzjoni tistabbilixxi li dan is-subparagrafu japplika, mhuwiex meħtieġ li t-testijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 28 ikunu ripetuti.***

***Sabiex l-awtorità tal-approvazzjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha, il-manifattur għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux qabel 12-il xahar u mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.***

## Emenda 183

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Approvazzjonijiet tat-tip għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom fil-prinċipju jinħarġu għal perjodu mingħajr limitu. Minħabba li ċerti sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jistgħu minħabba n-natura jew il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, jirrikjedu aġġornamenti aktar frekwenti, l-approvazzjonijiet tat-tip rilevanti għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta' seba' snin. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi lista ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li, minħabba n-natura ta' dawk is-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, jenħtieġ li tinħareġ għal perjodu limitat ta' żmien biss.***

## Emenda 184

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) meta l-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod permanenti fuq bażi volontarja;

(b) meta l-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod permanenti fuq bażi volontarja, ***li għandha f'kull każ titqies li tkun seħħet meta ebda vettura tat-tip ikkonċernat ma tkun ġiet prodotta fis-sentejn ta' qabel;***

## Emenda 185

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali **shihha** tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.

#### *Emenda*

(4) Il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.

## Emenda 186

### Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 3a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. L-operaturi ekonomiċi għandhom biss iqiegħdu fis-suq vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma mmarkati b'mod li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament.**

## Emenda 187

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

3. Meta ma jkunux ittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu adatti l-atti regolatorji msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja permezz ta' Deċiżjoni u fuq talba tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

3. Meta ma jkunux ittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu adatti l-atti regolatorji msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-estensjoni **tal-validità** tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja permezz ta' Deċiżjoni u fuq talba tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

## Emenda 188

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw kwalunkwe tip ta' vettura msemmija fil-paragrafu 1 **minn** wieħed jew aktar mir-reqwiżiti **sostantivi** stabbiliti fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, diment li dawk l-Istati Membri jistabbilixxu reqwiżiti alternattivi rilevanti.

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw kwalunkwe tip ta' vettura msemmija fil-paragrafu 1 **mill-konformità ma'** wieħed jew aktar mir-reqwiżiti stabbiliti fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, diment li dawk l-Istati Membri jistabbilixxu reqwiżiti alternattivi rilevanti.

## Emenda 189

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. Barra minn hekk, għandha tingħata aktar flessibilità lill-SMEs bi produzzjoni żgħira li ma jistgħux jissodisfaw l-istess kriterji ta' limitu taż-żmien bħall-manifatturi l-kbar.**

## Emenda 190

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**Jekk ma tkun saret ebda oġġezzjoni fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għandha titqies bħala li hi aċċettata.**

## Emenda 191

### Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE għal vettura li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Parti I tal-Anness IV jew, għal vetturi bi skop speċjali, fil-Parti III tal-Anness IV.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE għal vettura li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Parti I tal-Anness IV jew, għal vetturi bi skop speċjali, fil-Parti III tal-Anness IV.  
***Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi mhux kompleti.***

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 42 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE ***mill-manifattur, jew*** mis-sid tal-vettura, jew inkella mir-rappreżentant ***ta' dan tal-aħħar***, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

*Emenda*

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE mis-sid tal-vettura, ***mill-manifattur***, jew inkella mir-rappreżentant ***tal-manifattur***, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-konformità ma' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti ***sostantivi*** stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li daww l-Istati Membri jimponu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

*Emenda*

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-konformità ma' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li daww l-Istati Membri jimponu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali **mill-manifattur, jew** mis-sid tal-vettura, jew inkella mir-rappreżentant **ta' dan tal-aħħar**, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

*Emenda*

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali mis-sid tal-vettura, **mill-manifattur** jew inkella mir-rappreżentant **tal-manifattur**, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 43 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-format taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali għandu jsegwi l-mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE stabbilit fl-Anness VI u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni **meħtieġa sabiex issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE.**

*Emenda*

Il-format taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali għandu jsegwi l-mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE stabbilit fl-Anness VI u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni **inkluża fil-mudell taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni individwali tal-UE stabbilit fl-Anness VI.**

---

<sup>28</sup>*Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).*

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 44 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Stat Membru għandu jippermetti t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vettura, li għaliha Stat Membru ieħor ikun ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali skont l-Artikolu 43, sakemm dak l-Istat Membru ma jkollux bażi raġonevoli sabiex jemmen li r-rekwiżiti alternattivi rilevanti li abbażi tagħhom tkun

*Emenda*

3. Stat Membru għandu jippermetti t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vettura, li għaliha Stat Membru ieħor ikun ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali skont l-Artikolu 43, sakemm dak l-Istat Membru ma jkollux bażi raġonevoli sabiex jemmen li r-rekwiżiti alternattivi rilevanti li abbażi tagħhom tkun

ġiet approvata l-vettura mhumiex  
ekwivalenti għal tiegħu.

ġiet approvata l-vettura mhumiex  
ekwivalenti għal tiegħu ***jew li l-vettura  
mhijiex konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.***

## Emenda 197

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 43 u 44 jistgħu japplikaw għal vettura partikolari matul l-istadji suċċessivi tal-ikkompletar tagħha b'konformità ma' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

#### *Emenda*

1. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43 jistgħu japplikaw għal vettura partikolari matul l-istadji suċċessivi tal-ikkompletar tagħha b'konformità ma' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji. ***Għall-vetturi b'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għandu japplika l-Anness XVII.***

## Emenda 198

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 43 u 44 ma ***jistgħux*** jissostitwixxu stadju intermedju fi ħdan is-sekwenza normali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u ma ***jistgħux*** jiġu applikati għall-finijiet tal-kisba tal-approvazzjoni fl-ewwel stadju ta' vettura.

#### *Emenda*

2. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43 ma ***għandhomx*** jissostitwixxu stadju intermedju fi ħdan is-sekwenza normali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u ma ***għandhomx*** jiġu applikati għall-finijiet tal-kisba tal-approvazzjoni fl-ewwel stadju ta' vettura.

## Emenda 199

### Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-vetturi mhux kompleti jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq ***jew jiddaħħlu fis-servizz***, iżda l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni u l-użu fit-toroq ta' tali vetturi.

#### *Emenda*

Il-vetturi mhux kompleti jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, iżda l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, ***id-dħul fis-servizz*** u l-użu fit-toroq ta' tali vetturi.



## Emenda 201

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 47 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-vetturi li kienu diġà fit-territorju tal-Unjoni u li sa issa la kienu **disponibbli fis-suq, la qatt** ġew irreġistrati u lanqas iddaħħlu fis-servizz qabel ma l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħhom tilfet il-validità tagħha.

##### *Emenda*

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-vetturi li kienu diġà fit-territorju tal-Unjoni u li sa issa la kienu ġew irreġistrati u lanqas iddaħħlu fis-servizz qabel ma l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħhom tilfet il-validità tagħha.

## Emenda 202

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 47 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Manifattur li jkun jixtieq jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vetturi ta' tmiem is-serje b'konformità mal-paragrafu 1 għandu jippreżenta talba għal dak il-għan lill-awtorità **nazzjonali** tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dik it-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li jipprevjenu lil dawk il-vetturi milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ġodda tal-approvazzjoni tat-tip u għandha tinkludi l-VIN tal-vetturi kkonċernati.

##### *Emenda*

Manifattur li jkun jixtieq jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vetturi ta' tmiem is-serje b'konformità mal-paragrafu 1 għandu jippreżenta talba għal dak il-għan lill-awtorità **tal-approvazzjoni tat-tip** tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dik it-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li jipprevjenu lil dawk il-vetturi milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ġodda tal-approvazzjoni tat-tip u għandha tinkludi l-VIN tal-vetturi kkonċernati.

## Emenda 203

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 47 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità nazzjonali kkonċernata għandha tiddeċiedi, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi dik it-talba, jekk għandhiex

##### *Emenda*

L-awtorità **tal-approvazzjoni tat-tip** nazzjonali kkonċernata għandha tiddeċiedi, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi dik it-

tippermetti jew le t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' dawk il-vetturi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u tiddetermina l-għadd ta' vetturi li fir-rigward tagħhom jista' jingħata l-permess.

talba, jekk għandhiex tippermetti jew le t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' dawk il-vetturi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u tiddetermina l-għadd ta' vetturi li fir-rigward tagħhom jista' jingħata l-permess.

## Emenda 204

### Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Huma biss il-vetturi ta' tmiem is-serje b'ċertifikat ta' konformità validu li baqa' validu għal mill-inqas tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tiegħu, iżda li l-approvazzjoni tat-tip għalihom saret invalida skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(2), li jistgħu ***jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq***, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fl-Unjoni.

#### *Emenda*

4. Huma biss il-vetturi ta' tmiem is-serje b'ċertifikat ta' konformità validu li baqa' validu għal mill-inqas tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tiegħu, iżda li l-approvazzjoni tat-tip għalihom saret invalida skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(2), li jistgħu jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fl-Unjoni.

## Emenda 205

### Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-Istati Membri għandhom iżommu rekords tal-VIN tal-vetturi li huma ***ppermettew li*** jkunu ***disponibbli fis-suq, jiġu rreġistrati*** jew ***jiddaħħlu*** fis-servizz b'konformità ma' dan l-Artikolu.

#### *Emenda*

6. L-Istati Membri għandhom iżommu rekords tal-VIN tal-vetturi li huma jkunu ***rreġistraw*** jew ***daħħlu*** fis-servizz b'konformità ma' dan l-Artikolu.

## Emenda 206

### Proposta għal regolament Artikolu 49 – titolu

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-proċedura biex jiġu trattati*** vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju ***fil-***

#### *Emenda*

***L-evalwazzjoni nazzjonali li tirrigwarda*** vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ***b'suspett*** li jippreżentaw

Emenda 207

Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed li ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, jew li għandhom raġuni suffiċjenti sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unita teknika separata koperti minn dan ir-Regolament tippreżenta riskju serju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament, għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħhom.*

*Emenda*

1. *Meta, abbażi tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq jew ta' informazzjoni provduta minn awtorità tal-approvazzjoni, manifatturi jew ilmenti, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġunijiet sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unita teknika separata koperti minn dan ir-Regolament tippreżenta riskju serju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament jew ma tikkonformax mar-rekwiżiti mniżżla f'dan ir-Regolament, daww l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, sistema, komponent jew unita teknika separata kkonċernata li tkopri r-rekwiżiti kollha mniżżla f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.*

Emenda 208

Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija f'paragrafu 1 għandha twettaq evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unita teknika separata kkonċernati li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u*

*Emenda*

*imħassar*

*tas-sorveljanza tas-suq.*

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru  
765/2008 għandu japplika għall-  
valutazzjoni tar-riskju tal-prodott.***

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru  
765/2008 għandu japplika għall-miżuri  
restrittivi msemmija fit-tielet  
subparagrafu.***

***imħassar***

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3. L-awtorità tal-approvazzjoni  
rilevanti għandha tgħarraf lill-  
Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn  
bir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija  
fil-paragrafu 1 u l-azzjoni meħtieġa mill-  
operatur ekonomiku.***

***imħassar***

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49a (ġdid)**

**Artikolu 49a**

***Il-proċedura nazzjonali biex jiġu trattati vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju jew nuqqas ta' konformità***

***1. Meta, wara li titwettaq l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 49, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed isibu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata tippreżenta riskju serju għas-saħħa jew għas-sikurezza ta' persuni jew ta' aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament jew ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jirrikjedu mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti biex jieħu l-miżuri korrettivi xierqa ħalli jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernata, meta titqiegħed fis-suq, tiġi reġistrata jew tidħol fis-servizz, ma tibqax aktar tippreżenta dak ir-riskju jew dik in-nuqqas ta' konformità.***

***2. L-operatur ekonomiku għandu, bi qbil mal-obbligi msemmija fl-Artikoli 11 sa 19, jiżgura li l-miżuri korrettivi xierqa kollha jkunu ttieħdu fir-rigward tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha kkonċernati li hu jkun qiegħed fis-suq, irreġistra jew daħħal fis-servizz tal-Unjoni.***

***3. Meta l-operatur ekonomiku ma jiħux il-miżuri korrettivi adegwati fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 jew fejn ir-riskji jirrikjedu azzjoni rapida, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji ristrettivi xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu d-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kkonċernati fis-suq nazzjonali tagħhom, jew li jirtirawhom***

*minn dak is-suq jew isejħulhom lura.*

*L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE)  
Nru 765/2008 għandu japplika għall-  
miżuri msemmija f'dan il-paragrafu.*

#### **Emenda 213**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 50 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Il-proċeduri ta' notifika u oġġezzjoni  
relatati mal-miżuri restrittivi meħuda fil-  
livell nazzjonali*

*Emenda*

*Miżuri korrettivi u restrittivi fil-livell tal-  
UE*

#### **Emenda 214**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*L-awtoritajiet nazzjonali għandhom  
jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati  
Membri l-oħrajn mingħajr dewmien dwar  
il-miżuri restrittivi meħuda skont l-  
Artikolu 49(1) u (5).*

*Emenda*

*L-Istat Membru li jieħu l-miżuri korrettivi  
u l-miżuri restrittivi bi qbil mal-  
Artikolu 50(1) u (3) għandu jinnotifika  
lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-  
oħra mingħajr dewmien permezz tas-  
sistema elettronika msemmija fl-  
Artikolu 22 tar-Regolament (KE)  
Nru 765/2008. Dak l-Istat Membru  
għandu wkoll jinforma mingħajr  
dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li  
tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tieghu.*

#### **Emenda 215**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-informazzjoni pprovduta għandha  
tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod  
partikolari d-dejta neċessarja għall-  
identifikazzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-  
komponent jew tal-unità teknika separata

*Emenda*

2. L-informazzjoni pprovduta għandha  
tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod  
partikolari d-dejta neċessarja għall-  
identifikazzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-  
komponent jew tal-unità teknika separata

*mhux konformi*, l-oriġini tagħhom, in-natura tan-nuqqas ta' konformità allegat u *r-riskju* involut, in-natura u t-tul tal-miżuri restrittivi nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti.

*kkonċernata*, l-oriġini tagħhom, in-natura tan-nuqqas ta' konformità allegat u/jew *ir-riskju* involut, in-natura u t-tul tal-miżuri *korrettivi u* restrittivi nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. *Din għandha tindika wkoll jekk ir-riskju ikun dovut għal waħda minn dawn li ġejjin:*

*(a) il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma tissodisfax ir-rekwiżiti marbuta mas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, il-ħarsien tal-ambjent jew ma' aspetti oħrajn tal-ħarsien tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament;*

*(b) nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.*

## Emenda 216

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2. L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija fl-Artikolu 49(1) għandha tindika jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal xi waħda minn dawn li ġejjin:*

*imħassar*

*(a) il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma tissodisfax ir-rekwiżiti marbuta mas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, il-ħarsien tal-ambjent jew ma' aspetti oħrajn tal-ħarsien tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament;*

*(b) nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.*

## Emenda 217

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. L-Istati Membri li mhumiex l-Istat Membru li nieda l-proċedura għandhom jgħarrfu fi żmien xahar minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe miżuri restrittivi adottati u dwar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta man-nuqqas ta' konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.**

**imħassar**

#### **Emenda 218**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 50 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta, fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni dwar il-miżura korrettiva jew il-miżura restrittiva meħuda mill-Istat Membru, dik il-miżura tista' titqies ġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri korrettivi jew restrittivi ekwivalenti fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata.**

#### **Emenda 219**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 50 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Meta, fi żmien xahar *mill-wasla tal-***

**4. Meta, fi żmien xahar *wara n-notifika***



**informazzjoni** msemija fil-paragrafu 1, titqajjem oġġezzjoni minn kwalunkwe Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, **dik il-miżura** għandha **tiġi evalwata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 51.**

msemija fil-paragrafu 1, titqajjem oġġezzjoni minn kwalunkwe Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura **korrettiva jew** restrittiva meħuda minn Stat Membru, **jew fejn il-Kummissjoni tkun ikkunsidrat li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni** għandha, **mingħajr dewmien, tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi.**

## Emenda 220

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. *Meta, fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1, ma titqajjem ebda oġġezzjoni minn kwalunkwe Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi simili fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati.*

#### *Emenda*

5. *Abbażi tar-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar miżuri korrettivi jew restrittivi armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 87(2).*

*Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-atti ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri kollha u tikkomunikahom minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk l-atti ta' implimentazzjoni mingħajr dewmien. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kif xieraq.*

## Emenda 221

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali mhix ġustifikata, il-Kummissjoni għandha tadatta atti ta' implimentazzjoni li jirrikjedu l-Istat Membru kkonċernat jirtira jew jadatta l-miżura. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).**

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 50 – paragrafu 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5b. Meta l-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità tkun attribwita għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tippromponi:**

**(a) meta jkunu kkonċernati atti regolatorji, l-emendi meħtieġa għall-att ikkonċernat;**

**(b) meta jkunu kkonċernati regolamenti tal-UNECE, l-abbozz ta' emendi meħtieġa għar-regolamenti tal-UNECE rilevanti b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.**

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 51**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 51**

**imħassar**

**Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni**

**1. Meta, matul il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(3) u (4), ikunu tqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-miżura nazzjonali mingħajr dewmien wara li tkun ikkonsultat lill-Istati Membri u lill-operatur ekonomiku jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali titqiesx bħala ġustifikata jew le. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).**

**Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien u jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xieraq.**

**2. Meta l-Kummissjoni tqis il-miżura nazzjonali bħala ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-vettura, is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata mhux konformi jiġu rtirati mis-suq u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kif xieraq. Meta l-Kummissjoni tqis il-miżura nazzjonali bħala mhux ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira jew jadatta l-miżura b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1.**

**3. Meta l-miżura nazzjonali titqies bħala ġustifikata u tiġi attribwita għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri xierqa kif ġej:**

**(a) meta jkunu kkonċernati l-atti regolatorji, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meħtieġa għall-att ikkonċernat;**

**(b) meta jkunu kkonċernati r-**

*regolamenti tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-abbozz ta' emendi meħtieġa għar-regolamenti tal-UNECE rilevanti b'konformita' mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.*

## Emenda 224

### Proposta għal regolament Artikolu 51a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 51a*

*Miżuri korrettivi u restrittivi wara l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Kummissjoni*

*1. Meta wara kontrolli skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni ssib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tippreżenta riskju serju għas-saħħa jew is-sikurezza ta' persuni jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku koperti minn dan ir-Regolament jew li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, din għandha tirrikjedi, mingħajr dewmien, lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa biex jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernata, meta tqiegħdet fis-suq, ġiet irregiistrata jew daħlet fis-servizz ma tibqax tippreżenta dak ir-riskju jew dan in-nuqqas ta' konformità.*

*Meta l-operatur ekonomiku ma jiħux miżuri korrettivi fil-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu jew meta r-riskju jirrikjedi azzjoni rapida, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kwalunkwe miżura korrettiva jew restrittiva tal-Unjoni li hi tqis meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).*

*Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-atti ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri kollha u tikkomunikahom minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-atti ta' implimentazzjoni mingħajr dewmien. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont dan.*

*2. Meta r-riskju jew in-nuqqas ta' konformità tkun attribwita għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tipproponi:*

*(a) meta jkunu kkonċernati atti regolatorji, l-emendi meħtieġa għall-att ikkonċernat;*

*(b) meta jkunu kkonċernati regolamenti tal-UNECE, l-abbozz ta' emendi meħtieġa għar-regolamenti tal-UNECE rilevanti b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.*

## **Emenda 225**

### **Proposta għal regolament Artikolu 52**

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Artikolu 52*

*Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew ħsara serja lis-saħħa u l-ambjent*

*1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 49(1), Stat Membru jsib li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, għalkemm huma konformi mar-rekwiżiti applikabbli jew huma mmarkati kif suppost, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew jistgħu jkunu ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, huwa għandu jitlob lill-*

*Emenda*

*imħassar*

*operatur ekonomiku rilevanti sabiex jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernati, meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, jew inkella għandu jieħu miżuri restrittivi sabiex jirtira l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mis-suq jew sabiex isejjilhom lura fi żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju.*

*L-Istat Membru jista' jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.*

*2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieghdu l-miżuri korrettivi xierqa fir-rigward tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati kollha msemmija fil-paragrafu 1.*

*3. L-Istat Membru għandu, fi żmien xahar mit-talba msemmija fil-paragrafu 1, jipprovi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-informazzjoni kollha disponibbli, b'mod partikolari d-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati, l-orijini u l-katina tal-provvista tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul tal-miżuri restrittivi nazzjonali meħuda.*

*4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien lill-Istati Membri u lill-operatur ekonomiku jew operaturi ekonomiċi rilevanti u, b'mod partikolari, lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll tevalwa l-miżura nazzjonali meħuda. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu Deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 titqiesx ġustifikata jew le, u, fejn neċessarju, tipproponi miżuri xierqa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-*

*proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).*

**5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lill-operatur ekonomiku jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.**

## Emenda 226

### Proposta għal regolament Artikolu 53

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 53**

*imħassar*

***Dispożizzjonijiet ġenerali relatati mal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati mhux konformi***

**1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan ir-regolament jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni jistgħu jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jipprojbixxi jew jirrestrinġi t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew jirtirawhom minn dak is-suq jew isejħulhom lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jinġiebu f'konformità.**

**2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-devjazzjonijiet mid-dettalji speċifikati fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jew fil-pakkett ta' informazzjoni għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mat-tip approvat.**

#### Emenda 227

##### Proposta għal regolament Artikolu 54 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-proċeduri ta' notifika u oġġezzjoni relatati mal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati mhux konformi***

*Emenda*

***L-approvazzjoni tat-tip tal-UE mhux konformi***

#### Emenda 228

##### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

**1. Meta awtorità tal-approvazzjoni *jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq* issib li *vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament* jew li *din l-approvazzjoni tat-tip* inġat *abbażi ta'dejta inkorretta* jew li *l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati* *akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità* jew li *jkollhom marka tal-approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat*, *tista' tiegħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).***

*Emenda*

**1. Meta awtorità tal-approvazzjoni *ssib li approvazzjoni* tat-tip *li tkun* inġat *ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament*, *hija għandha tirrifjuta li tirrikonoxxi tali approvazzjoni. Hija għandha tinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, lill-Istati Membri l-oħrajn, kif ukoll lill-Kummissjoni.***

#### Emenda 229

##### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. *L-awtorità ta' approvazzjoni jew tas-***

*Emenda*

**2. *Meta, fi żmien xahar wara n-***



*sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni għandha titlob ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jkomplu jikkonformaw mat-tip approvat jew, fejn ikun applikabbli, li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq jinġiebu lura f'konformità.*

*notifika, in-nuqqas ta' konformità tal-approvazzjoni tat-tip jiġi kkonfermat mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, dik l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tirtira l-approvazzjoni tat-tip.*

#### **Emenda 230**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura jkun dovut għal sistema, komponent jew unità teknika separata, it-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi indirizzata wkoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tali sistema, komponent, jew, unità teknika separata**

*imħassar*

#### **Emenda 231**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura li ġiet kompluta jkun dovut għal sistema, komponent jew unità teknika separata li jiffurmaw parti mill-vettura mhux kompleta jew għall-vettura mhux kompleta nnifisha, it-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi indirizzata wkoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tali sistema,**

*imħassar*

*komponent, unità teknika separata jew vettura mhux kompleta.*

#### Emenda 232

#### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Malli tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tniedi evalwazzjoni fir-rigward tal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati konċernati li jkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika wkoll id-data li fuq il-bażi tagħha tkun ingħatat l-approvazzjoni. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkoperaw bis-sħiħ mal-awtorità tal-approvazzjoni.**

*imħassar*

#### Emenda 233

#### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6. Meta jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jew għal vettura mhux kompleta, dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha teħtieġ mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa biex il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata tinġieb f'konformità u fejn meħtieġ l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri msemmija fl-**

*imħassar*

*Artikolu 53(1) mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahar mid-data tat-talba.*

#### Emenda 234

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7. L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed jieħdu miżuri restrittivi skont l-Artikolu 53(1) għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.**

**imħassar**

#### Emenda 235

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 8 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika ***tal-miżuri restrittivi meħuda*** minn awtorità tal-approvazzjoni ***jew ta' sorveljanza tas-suq skont l-Artikolu 53(1)***, titqajjem oġġezzjoni ***minn Stat Membru ieħor fir-rigward tal-miżura restrittiva notifikata jew fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 9(5)***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien mal-Istati Membri ***u mal-operatur jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti*** u, b'mod partikolari, mal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip, ***u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali meħuda. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu l-miżuri restrittivi mehgiega previsti fl-Artikolu 53(1) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-***

Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika ***tar-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip*** minn awtorità tal-approvazzjoni, titqajjem oġġezzjoni ***mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien lill-Istati Membri, b'mod partikolari, mal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip ***u lill-operatur ekonomiku rilevanti.***

*Artikolu 87(2).*

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom id-deċiżjoni tagħha dwar jekk ir-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE adottat skont il-paragrafu 1 ikunx iġġustifikat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).**

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 8b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8b. Meta, wara li jsiru kontrolli mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni tqis li approvazzjoni tat-tip li tkun inġat ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, mingħajr dewmien, lill-Istati Membri u, b'mod partikolari, lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip u lill-operatur ekonomiku rilevanti. Wara li jkunu saru dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom id-deċiżjoni tagħha dwar jekk l-approvazzjoni tat-tip li tkun inġat tkunx konformi ma' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).**

## Emenda 238

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. *Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika tal-miżuri restrittivi meħuda skont l-Artikolu 53(1), ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun iġġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi simili fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati.*

*Emenda*

9. *Għall-prodotti koperti minn approvazzjoni tat-tip mhux konformi li diġà huma disponibbli fis-suq, għandhom japplikaw l-Artikoli 49 sa 53.*

## Emenda 239

### Proposta għal regolament Artikolu 55

*Test propost mill-Kummissjoni*

*[...]*

*imħassar*

*Emenda*

## Emenda 240

### Proposta għal regolament Artikolu 56

*Test propost mill-Kummissjoni*

*[...]*

*imħassar*

*Emenda*

## Emenda 241

### Proposta għal regolament Artikolu 57

**Artikolu 57**

**imħassar**

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-sejha  
lura ta' vetturi, sistemi, komponenti jew  
unitajiet tekniċi separati**

**1. Manifattur li jkun ingħata  
approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha  
u li huwa obbligat li jsejjaħ lura l-vetturi  
mis-suq b'konformità mal-Artikolu 12(1),  
l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 17(2), l-  
Artikolu 49(1), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu  
51(4), l-Artikolu 52(1), u l-Artikolu 53(1)  
ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 20  
tar-Regolament (KE) Nru 765/2008,  
għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-  
awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-  
approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.**

**2. Manifattur ta' sistemi, komponenti  
jew unitajiet tekniċi separati, li jkun  
ingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE u li  
huwa obbligat li jsejjaħ lura s-sistemi, il-  
komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati  
mis-suq b'konformità mal-Artikolu 12(1),  
l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 17(2), l-  
Artikolu 49(1), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu  
51(4), l-Artikolu 52(1), u l-Artikolu 53(1)  
ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 20  
tar-Regolament (KE) Nru 765/2008,  
għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-  
awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-  
approvazzjoni tat-tip tal-UE.**

**3. Il-manifattur għandu jipproponi lill-  
awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-  
approvazzjoni tat-tip sett ta' rimedji xierqa  
maħsuba biex iġibu l-vetturi, is-sistemi, il-  
komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati  
f'konformità u, fejn ikun xieraqsabiex  
jinnewtralizzaw ir-riskju serju msemmi fl-  
Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru  
765/2008.**

**L-awtorità tal-approvazzjoni għandha  
twettaq evalwazzjoni sabiex tivverifika  
jekk ir-rimedji proposti humiex suffiċjenti  
u f'waqthom biżżejjed, u għandha  
tikkomunika r-rimedji li hija tkun  
approvat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni  
tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-**

*Kummissjoni mingħajr dewmien.*

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 58**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*[...]*

*imħassar*

**Emenda 243**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 59**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 59**

*imħassar*

***Dritt għal smigħ tal-operaturi ekonomiċi,  
notifika tad-deċiżjonijiet u r-rimedji  
disponibbli***

***1. Ħlief f'każijiet fejn hija meħtieġa  
azzjoni immedjata għal raġunijiet ta'  
riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew  
għas-sigurtà u għall-ambjent, l-operatur  
ekonomiku kkonċernat għandu jingħata  
l-oppportunità li jagħmel sottomissjonijiet  
lill-awtorità nazzjonali f'perjodu ta' żmien  
xieraq qabel kwalunkwe miżura skont l-  
Artikoli 49 sa 58 tiġi adottata mill-  
awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri.***

***Jekk ittiegħdu azzjonijiet mingħajr ma  
nstema' l-operatur ekonomiku, dan  
għandu jkollu l-oppportunità li jagħmel  
sottomissjonijiet malajr kemm jista' jkun  
u l-awtorità nazzjonali għandha tirrevedi  
l-miżura minnufih wara dan.***

***2. Kwalunkwe miżura adottata mill-  
awtoritajiet nazzjonali għandha tiddikjara  
l-motivi eżatti li fuqhom hija bbażata.***

***Meta l-miżura tkun indirizzata għal  
operatur speċifiku, għandha tiġi  
nnotifikata mingħajr dewmien lill-***

*operatur ekonomiku kkonċernat, li għandu, fl-istess ħin, ikun mgħarraf dwar ir-rimedji disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat u dwar il-limiti ta' żmien li huma soġġetti għalih it-tali rimedji.*

*Meta l-miżura għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali, din għandha tiġi ppubblikata fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali jew fi strument ekwivalenti.*

*3. Kwalunkwe miżura adottata mill-awtoritajiet nazzjonali għandha tiġi rtirata jew emendata minnufih malli l-operatur ekonomiku juri li jkun ittieħdet azzjoni korrettiva effettiva.*

#### Emenda 244

##### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dak l-att delegat għandu jispeċifika d-dati tal-applikazzjoni obbligatorja tar-regolament tal-UNECE jew tal-emendi għalih u jinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji, fejn xieraq.

###### *Emenda*

Dak l-att delegat għandu jispeċifika d-dati tal-applikazzjoni obbligatorja tar-regolament tal-UNECE jew tal-emendi għalih u **għandu** jinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji, fejn xieraq, **u, b'mod partikolari, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, tal-ewwel reġistrazzjoni u dħul fis-seħħ tal-vetturi u tat-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ikunu applikabbli.**

#### Emenda 245

##### Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-manifattur ma għandu jforni ebda informazzjoni teknika relatata mad-dettalji tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata previsti f'dan ir-Regolament, **jew** fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li tmur lil hinn mid-dettalji

###### *Emenda*

1. Il-manifattur ma għandu jforni ebda informazzjoni teknika relatata mad-dettalji tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata previsti f'dan ir-Regolament, fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, **jew fl-atti regolatorji elenkati**



tat-tip approvat mill-awtorità tal-approvazzjoni.

*fl-Anness IV*, li tmur lil hinn mid-dettalji tat-tip approvat mill-awtorità tal-approvazzjoni.

## Emenda 246

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-operaturi indipendenti ***b'aċċess*** standardizzat ***u mhux ristrett*** għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, tagħmir dijanjostiku u tagħmir ieħor, għodod, ***inkluż kwalunkwe softwer rilevanti***, u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.

##### *Emenda*

Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-operaturi indipendenti ***aċċess mhux ristrett***, standardizzat ***u mhux diskriminatorju*** għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, tagħmir dijanjostiku u tagħmir ieħor, għodod, ***inklużi r-riferenzi kompluti, u d-downloads disponibbli, tas-softwer applikabbli***, u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. ***L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli f'forma ta' settijiet tad-dejta li jistgħu jinqraw b'magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronicament. L-operaturi indipendenti għandu jkollhom aċċess għas-servizzi dijanjostiċi remoti użati mill-manifatturi u mill-bejjiegħa awtorizzati u l-persuni awtorizzati biex isewwu.***

## Emenda 247

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 65 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha titpoġġa disponibbli fuq is-siti elettroniċi tal-manifatturi bl-użu ta' format standardizzat jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, minħabba n-natura tal-informazzjoni, f'format ieħor xieraq. ***B'mod partikolari, dan l-aċċess għandu jingħata b'mod li ma jkunx diskriminatorju, meta mqabbel mal-forniment jew l-aċċess mogħtija lill-bejjiegħa awtorizzati u lill-persuni***

##### *Emenda*

L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha titpoġġa disponibbli fuq is-siti elettroniċi tal-manifatturi bl-użu ta' format standardizzat jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, minħabba n-natura tal-informazzjoni, f'format ieħor xieraq. ***Għall-operaturi indipendenti minbarra l-persuni awtorizzati biex isewwu, l-informazzjoni għandha tingħata wkoll f'format li jkun jista' jinqara minn magna, li jkun kapaċi jiġi pproċessat***

*awtorizzati biex isewwu.*

*b'mod elettroniku b'għodod u softwer tal-IT disponibbli b'mod komuni u li jippermetti lil operaturi indipendenti jwettqu l-kompitu assoċjat man-negozju tagħhom fil-katina ta' provvista tas-sug ta' wara l-bejgħ.*

## Emenda 248

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Għall-fini tal-OBD, id-dijanostika, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, il-fluss dirett tad-dejta tal-vettura għandu jsir disponibbli permezz tal-konnettur standard kif speċifikat fir-Regolament tan-NU Nru 83, Anness XI, Appendiċi 1, paragrafu 6.5.1.4 u r-Regolament tan-NU Nru 49, Anness 9B.**

## Emenda 249

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. Il-Kummissjoni **għandha tingħata** s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda u tissupplimenta l-Anness XVIII bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji jew jiġi evitat l-użu ħażin billi taġġorna r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u billi tadotta u tintegra l-istandards imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

10. Il-Kummissjoni **hija mogħtija** s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda u tissupplimenta l-Anness XVIII bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji jew jiġi evitat l-użu ħażin billi taġġorna r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u billi tadotta u tintegra l-istandards imsemmija fil-paragrafi 2 u 3. **Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 88 biex temenda dan ir-Regolament billi toħloq Anness XVIIIA sabiex tindirizza żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-iskambju tad-dejta diġitali li jużaw netwerk fuq żona wiesgħa mingħajr fili, biex b'hekk jiġi żgurat li l-operaturi**

*indipendenti jkomplu jgawdu aċċess dirett għad-dejta fil-vettura u r-riżorsi u, barra minn hekk, tiġi żgurata n-newtralità tal-kompetizzjoni permezz tad-disinn tekniku.*

## Emenda 250

### Proposta għal regolament Artikolu 66 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifattur finali għandu jkun responsabbli li jipprovdi informazzjoni dwar *il-vettura kollha lill-operaturi indipendenti*.

*Emenda*

2. *Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji*, il-manifattur finali għandu jkun responsabbli li jipprovdi *aċċess għall-OBD tal-vettura u għal* informazzjoni dwar *it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fir-rigward tal-istadju/i tal-manifattura tagħha stess u l-konnessjoni mal-istadju/i preċedenti*.

## Emenda 251

### Proposta għal regolament Artikolu 67 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-manifattur jista' jitlob ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 65(8). Dawk il-ħlasijiet ma għandhomx jiskoraġġixxu l-aċċess għal dik l-informazzjoni billi ma jikkunsidrawx il-punt safejn din tintuża mill-operatur indipendenti.

*Emenda*

1. Il-manifattur jista' jitlob ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 65(9). Dawk il-ħlasijiet ma għandhomx jiskoraġġixxu l-aċċess għal dik l-informazzjoni billi ma jikkunsidrawx il-punt safejn din tintuża mill-operatur indipendenti.

## Emenda 252

### Proposta għal regolament Artikolu 69 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta operatur indipendenti jew

*Emenda*

3. Meta operatur indipendenti jew

assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta lill-operaturi indipendenti jressqu ilment quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni dwar in-nuqqas tal-manifattur milli jikkonforma mal-Artikoli 65 sa 70, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha twestaq verifika sabiex tivverifika l-konformità mill-manifattur.

assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta lill-operaturi indipendenti jressqu ilment quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni dwar in-nuqqas tal-manifattur milli jikkonforma mal-Artikoli 65 sa 70, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha twestaq verifika sabiex tivverifika l-konformità mill-manifattur. ***L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha biex tinvestiga l-ilment u titlob evidenza mill-manifattur tal-vettura li s-sistema tagħha hija f'konformità mar-Regolament. Ir-riżultati ta' dik l-investigazzjoni għandhom jiġu kkomunikati fi żmien tliet xhur mit-talba lill-awtorità nazzjonali tal-approvazzjoni u l-operatur indipendenti jew l-assoċjazzjoni kummerċjali kkonċernati.***

## Emenda 253

### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtorità tal-approvazzjoni magħżula mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3), ***minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala 'l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip'*** għandha tkun responsabbli għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi.

#### *Emenda*

1. L-awtorità tal-approvazzjoni magħżula mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3), ***jew il-korp ta' akkreditament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, (flimkien, "il-korp ta' deżinjazzjoni")***, għandha tkun responsabbli għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi ***fl-Istat Membru rispettiv***, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi.

## Emenda 254

### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip***

#### *Emenda*

2. ***Il-korp ta' deżinjazzjoni għandu***

**għandha titwaqqaf, tiġi organizzata u tiġi operata** sabiex **tissalvagwardja** l-oġġettività u l-imparzjalità **tagħha** u **tevita** kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-servizzi tekniċi.

**jitwaqqaf, jiġi organizzat u jiġi operat** sabiex **jissalvagwardja** l-oġġettività u l-imparzjalità **tiegħu** u **jevita** kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-servizzi tekniċi.

#### Emenda 255

##### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. **L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi operata** sabiex in-notifika ta' servizz tekniku ssir minn persunal differenti minn dak li wettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku.

*Emenda*

3. **Il-korp ta' deżinjazzjoni għandu jiġi organizzat** sabiex in-notifika ta' servizz tekniku ssir minn persunal differenti minn dak li wettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku.

#### Emenda 256

##### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. **L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex twettaq** attivitajiet li jwettqu s-servizzi tekniċi u **ma għandhiex tipprovdi** servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

*Emenda*

4. **Il-korp ta' deżinjazzjoni m'għandux iwettaq** attivitajiet li jwettqu s-servizzi tekniċi u **m'għandux jipprovdi** servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

#### Emenda 257

##### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. **L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissalvagwardja** l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li **tikseb**.

*Emenda*

5. **Il-korp ta' deżinjazzjoni għandu jissalvagwardja** l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li **jikseb**.

## Emenda 258

### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. *L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip* għandu *jkollha* numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni *tagħha* għat-twettiq xieraq tal-kompiti *previsti* minn dan ir-Regolament.

*Emenda*

6. *Il-korp ta' deżinjazzjoni* għandu *jkollu* numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni *tiegħu* għat-twettiq xieraq tal-kompiti *stipulati* minn dan ir-Regolament.

## Emenda 259

### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. *L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun soġġetta għal evalwazzjoni bejn il-pari minn żewġ awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stati Membri oħrajn kull sentejn.*

*L-Istati Membri għandhom ifasslu l-pjan annwali għall-evalwazzjoni bejn il-pari, billi jiżguraw rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jagħmlu r-reviżjoni u dawk soġġetti għaliha, u mbagħad jissottomettuh lill-Kummissjoni.*

*L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tinkludi żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità riveduta. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fir-reviżjoni u tiddeċiedi dwar il-parteeċipazzjoni tagħha abbażi tal-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 260

### Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9. L-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss u għandhom joħorġu rakkomandazzjonijiet mill-Forum stabbilit fl-Artikolu 10 abbażi ta' valutazzjoni ta' dan l-eżitu mwettqa mill-Kummissjoni.**

*imħassar*

#### **Emenda 261**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 71 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kif indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari.**

*imħassar*

#### **Emenda 262**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV, meta dawk it-testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;

(b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet, **inkluża t-tnejn tagħhom**, imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV, meta dawk it-testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza; **it-tnejn u s-superviżjoni tat-testijiet għandhom jitwettqu minn superviżur mis-servizz tekniku;**

#### **Emenda 263**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 72 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità legali, ħlief għal servizz tekniku intern akkreditat ta' manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 76.

*Emenda*

3. Servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità legali, ħlief għal **servizz tekniku li jappartjeni għal awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u għal** servizz tekniku intern akkreditat ta' manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 76.

**Emenda 264**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 73 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, ħlief b'rabta mal-awtorità **tal-approvazzjoni** jew fejn mitlub mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

*Emenda*

5. Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, ħlief b'rabta mal-awtorità **tad-deżinjazzjoni** jew fejn mitlub mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

**Emenda 265**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 74 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jinħatar b'konformità mal-Artikolu 72(1). Huwa għandu juri lill-awtorità **tal-approvazzjoni tat-tip** li huwa għandu dawn kollha li ġejjin:

*Emenda*

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jinħatar b'konformità mal-Artikolu 72(1). Huwa għandu juri lill-awtorità **tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali**, li huwa għandu dawn kollha li ġejjin:

**Emenda 266**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 75 – paragrafu 1**



*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu ***jissottokuntrattaw, bi qbil mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip*** li tinnominahom, uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1), jew inkella jqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

*Emenda*

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu, ***bil-kunsens tal-awtorità tad-deżinjazzjoni*** li tinnominahom, ***jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, tal-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, jissottokuntrattaw*** uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1), jew inkella jqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 75 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 73 u 74 u għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip***.

*Emenda*

2. Meta servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbdusussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 73 u 74 u għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità ***tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali***.

**Emenda 268**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 75 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip***, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

*Emenda*

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità ***tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, tal-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali***, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

## Emenda 269

### Proposta għal regolament Artikolu 75 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Is-sottokuntratturi tas-servizzi tekniċi għandhom jiġu notifikati lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u l-ismijiet tagħhom għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni.**

## Emenda 270

### Proposta għal regolament Artikolu 76 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) ikun awditjat skont l-Artikolu 80, bl-eċċezzjoni li "l-kumitat konġunt tal-awdituri" għandu jieħu post "l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip" fit-test kollu kemm hu u jwettaq il-kompiti b'konsegwenza; l-awditu għandu juri l-konformità mal-punti (a), (b) u (c);**

## Emenda 271

### Proposta għal regolament Artikolu 76 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Servizz tekniku intern **ma għandux bżonn** jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni **għall-finijiet tal-Artikolu 78, iżda l-informazzjoni li tikkonċerna l-akkreditazzjoni tiegħu għandha tingħata mill-manifattur li minnu jiffirma parti jew mill-entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip fuq talba ta' dik l-awtorità.**

3. Servizz tekniku intern **għandu** jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni **b'konformità mal-Artikolu 78.**

## Emenda 272

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**- 1. Is-servizz tekniku applikant għandu jressaq applikazzjoni formali lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li fiha jitlob li jkun deżinjat b'konformità mal-Parti 4 tal-Appendiċi 2 għall-Anness V. L-attivitajiet li s-servizz tekniku applikant ikun qed japplika għalihom biex jiġu deżinjati għandhom ikunu speċifikati fit-talba tal-applikazzjoni b'konformità mal-Artikolu 72(1).**

## Emenda 273

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Qabel tinnomina servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip **għandha tivvalutah** skont lista ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti elenkati **fl-Anness 2 Appendiċi V**. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post tal-bini tas-servizz tekniku li japplika, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jinsab ġewwa jew barra l-Unjoni.

Qabel **ma l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip** tinnomina servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, **jew il-korp ta' akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 71(1), għandhom jivvalutawh** skont lista **armonizzata** ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti elenkati **fl-Appendiċi 2 tal-Anness V**. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post tal-bini tas-servizz tekniku li japplika, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jinsab ġewwa jew barra l-Unjoni.

## Emenda 274

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' mill-inqas żewġ Stati Membri oħrajn għandhom,**

**1b. F'każijiet fejn il-valutazzjoni titwettaq mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, rappreżentant mill-Kummissjoni**

*f'koordinazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant, u flimkien ma' rappreżentant tal-Kummissjoni, jiffurmaw tim ta' valutazzjoni konġunta u jieħdu sehem fil-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluża l-valutazzjoni fuq il-post. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li jinnominaw tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant għandha tagħti lil dawk ir-rappreżentanti aċċess puntwali għad-dokumenti meħtieġa sabiex jiġi vvalutat is-servizz tekniku applikant.*

*għandu jipparteċipa f'tim ta' valutazzjoni konġunta mal-awtorità tad-deżinjazzjoni li għandha twettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluża l-valutazzjoni fuq il-post. Sabiex twettaq dan il-kompitu, il-Kummissjoni għandha tuża awdituri indipendenti kkuntrattati bħala partijiet terzi wara sejħa miftuħa għall-offerti. L-awdituri għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. L-awdituri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità sabiex jiħarsu s-sigrieti kummerċjali skont il-liġi applikabbli. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa u jipprovdu d-dokumentazzjoni u l-appoġġ kollu li l-awdituri jitolbu biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awdituri jkollhom aċċess għall-bini kollu jew partijiet tal-bini u għall-informazzjoni, inklużi sistemi tal-kompjuter u softwer, li jkunu rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom.*

*(fil-bidu tal-Artikolu 77, l-ordni tal-paragrafi jinbidel u l-paragrafi jiġu nnumerati mill-ġdid)*

## **Emenda 275**

### **Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Fil-każijiet fejn il-valutazzjoni titwettaq minn korp ta' akkreditazzjoni, is-servizz tekniku applikant għandu jagħti lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu u r-rapport ta' evalwazzjoni korrispondenti li juru t-twettiq tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness V għall-attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku applikant ikun qed japplika biex jinħatar.*

*(fil-bidu tal-Artikolu 77, l-ordni tal-paragrafi jinbidel u l-paragrafi huma nnumerati mill-ġdid)*

## Emenda 276

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 1c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1c.** *Meta s-servizz tekniku jkun talab li jiġi maħtur minn bosta awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 78(3), il-valutazzjoni għandha ssir darba biss, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku jkun ġie kopert f'dik l-evalwazzjoni.*

*(fil-bidu tal-Artikolu 77, l-ordni tal-paragrafi jinbidel u l-paragrafi huma nnumerati mill-ġdid)*

## Emenda 277

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-ismijiet tar-rappreżentanti tal-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** lill-Kummissjoni li hi tkun tista' tibbaża fuqhom għal kull valutazzjoni konġunta.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-ismijiet tar-rappreżentanti tal-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** lill-Kummissjoni li hi tkun tista' tibbaża fuqhom għal kull valutazzjoni konġunta.

## Emenda 278

### Proposta għal regolament Artikolu 77 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi nnotifikat mill-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn b'evidenza dokumentarja rigward il-kompetenza tas-servizz tekniku u l-arranġamenti fis-seħħ biex jiġi ssorveljat b'mod regolari s-servizz tekniku u jiġi żgurat li sejjer ikompli jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi nnotifikat mill-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn b'evidenza dokumentarja rigward il-kompetenza tas-servizz tekniku u l-arranġamenti fis-seħħ biex jiġi ssorveljat b'mod regolari s-servizz tekniku u jiġi żgurat li sejjer ikompli jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 279

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 77 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip tan-notifika*** għandha tissottometti wkoll evidenza tad-disponibbiltà tal-persunal kompetenti għall-monitoraġġ tas-servizz tekniku skont l-Artikolu 71(6).

##### *Emenda*

L-awtorità ***tad-deżinjazzjoni li tinnotifika r-rapport ta' valutazzjoni*** għandha tissottometti wkoll evidenza tad-disponibbiltà tal-persunal kompetenti għall-monitoraġġ tas-servizz tekniku skont l-Artikolu 71(6).

## Emenda 280

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 77 – paragrafu 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-awtoritajiet ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Aġenzija jistgħu jirrevedu r-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja, jistgħu jqajmu mistoqsijiet jew tħassib u jitolbu iktar evidenza dokumentarja fi żmien xahar min-notifika tar-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja.

##### *Emenda*

8. L-awtoritajiet ***tad-deżinjazzjoni*** tal-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jirrevedu r-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja, jistgħu jqajmu mistoqsijiet jew tħassib u jitolbu iktar evidenza dokumentarja fi żmien xahar min-notifika tar-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja.

## Emenda 281

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 77 – paragrafu 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant għandha twieġeb għall-mistoqsijiet, it-tħassib u t-talbiet għal iktar evidenza dokumentarja fi żmien erba' ġimgħat mir-riċevuta tagħhom.

##### *Emenda*

9. L-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant għandha twieġeb għall-mistoqsijiet, it-tħassib u t-talbiet għal iktar evidenza dokumentarja fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċevihom.

## Emenda 282

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 77 – paragrafu 10

10. L-awtoritajiet ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tal-Istati Membri l-oħrajn jew il-Kummissjoni jistgħu, b'mod individwali jew flimkien, jindirizzaw rakkomandazzjonijiet lill-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-servizz tekniku applikant fi żmien erba' ġimgħat minu taslilhom it-tweġiba msemmija f'paragrafu 9 ta' hawn fuq. Dik l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet meta tiegħu d-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku. Fejn dik l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tiddeċiedi li ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-Istati Membri l-oħrajn jew mill-Kummissjoni, għandha tagħti r-raġunijiet għalihom fi żmien ġimgħatejn minn meta tiegħu d-deċiżjoni tagħha.

10. L-awtoritajiet ***tad-deżinjazzjoni*** tal-Istati Membri l-oħrajn jew il-Kummissjoni jistgħu, b'mod individwali jew flimkien, jindirizzaw rakkomandazzjonijiet lill-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-servizz tekniku applikant fi żmien erba' ġimgħat minu taslilhom it-tweġiba msemmija f'paragrafu 9 ta' hawn fuq. Dik l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet meta tiegħu d-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku. Fejn dik l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tiddeċiedi li ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-Istati Membri l-oħrajn jew mill-Kummissjoni, għandha tagħti r-raġunijiet għalihom fi żmien ġimgħatejn minn meta tiegħu d-deċiżjoni tagħha.

## Emenda 283

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 78 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Fi żmien ***28 jum*** minn notifika, Stat Membru jew il-Kummissjoni tista' tqajjem oġġezzjonijiet bil-miktub, fejn telabora l-argumenti tagħha, fir-rigward tas-servizz tekniku jew il-monitoraġġ tiegħu mill-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip***. Meta Stat Membri jew il-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet, l-effett tan-notifika għandu jġi sospiż. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet involuti u għandha ***tiddeċiedi permezz ta' att*** ta' implimentazzjoni ***dwar*** jekk is-sospensjoni tan-notifika għandhiex titneħħa jew le. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni għandu jġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).

Fi żmien ***xahar*** minn notifika, Stat Membru jew il-Kummissjoni tista' tqajjem oġġezzjonijiet bil-miktub, fejn telabora l-argumenti tagħha, fir-rigward tas-servizz tekniku jew il-monitoraġġ tiegħu mill-awtorità ***tad-deżinjazzjoni***. Meta Stat Membri jew il-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet, l-effett tan-notifika għandu jġi sospiż. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet involuti u għandha ***tadotta atti*** ta' implimentazzjoni ***sabiex tiddeċiedi*** jekk is-sospensjoni tan-notifika għandhiex titneħħa jew le. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni għandhom jġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).

## Emenda 284

### Proposta għal regolament Artikolu 78 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-istess servizz tekniku jista' jinħatar minn bosta awtoritajiet ***tal-approvazzjoni tat-tip*** u jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet ***tal-approvazzjoni tat-tip***, irrispettivament mill-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li dak is-servizz tekniku għandu jwettaq b'konformità mal-Artikolu 72(1).

#### *Emenda*

3. L-istess servizz tekniku jista' jinħatar minn bosta awtoritajiet ***tad-deżinjazzjoni*** u jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet ***tad-deżinjazzjoni***, irrispettivament mill-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li dak is-servizz tekniku għandu jwettaq b'konformità mal-Artikolu 72(1).

## Emenda 285

### Proposta għal regolament Artikolu 78 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta att regolatorju elenkat fl-Anness IV jitlob lil awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** taħtar organizzazzjoni speċifika jew entità kompetenti sabiex twettaq attività mhux inkluża fil-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 72(1), l-Istat Membru għandu jagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

#### *Emenda*

4. Meta att regolatorju elenkat fl-Anness IV jitlob lil awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** taħtar organizzazzjoni speċifika jew entità kompetenti sabiex twettaq attività mhux inkluża fil-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 72(1), l-Istat Membru għandu jagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

## Emenda 286

### Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-awtorità nazzjonali ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tkun aċċertat jew ġiet mgħarrfa li servizz tekniku ma għadux konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, dik l-awtorità għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira l-ħatra, kif xieraq, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

#### *Emenda*

Meta l-awtorità nazzjonali ***tad-deżinjazzjoni*** tkun aċċertat jew ġiet mgħarrfa li servizz tekniku ma għadux konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, dik l-awtorità għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira l-ħatra, kif xieraq, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.



## Emenda 287

### Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità **nazzjonali** għandha tgħarraf b'dan minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe sospensjoni, restrizzjoni jew irtirar ta' notifika.

#### *Emenda*

L-awtorità **tad-deżinjazzjoni** għandha tgħarraf b'dan minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe sospensjoni, restrizzjoni jew irtirar ta' notifika.

## Emenda 288

### Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità **tal-approvazzjoni tat-tip** għandha tgħarraf lill-awtoritajiet **tal-approvazzjoni tat-tip** u lill-Kummissjoni meta n-nuqqas ta' konformità tas-servizzi tekniku jkollu impatt fuq iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u t-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku soġġetti għall-bidla fin-notifika.

#### *Emenda*

L-awtorità **tad-deżinjazzjoni** għandha tgħarraf lill-awtoritajiet **tad-deżinjazzjoni** l-oħrajn u lill-Kummissjoni meta n-nuqqas ta' konformità tas-servizzi tekniku jkollu impatt fuq iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u t-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku soġġetti għall-bidla fin-notifika.

## Emenda 289

### Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fi żmien xahrejn mindu tkun innotifikat il-bidliet fin-notifika, l-awtorità **tal-approvazzjoni tat-tip** għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet tagħha dwar in-nuqqas ta' konformità lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet **tal-approvazzjoni tat-tip** l-oħrajn. Meta jkun hemm bżonn, sabiex tiżgura s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, l-awtorità **tal-**

#### *Emenda*

Fi żmien xahrejn mindu tkun innotifikat il-bidliet fin-notifika, l-awtorità **tad-deżinjazzjoni** għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet tagħha dwar in-nuqqas ta' konformità lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet **tad-deżinjazzjoni** l-oħrajn. Meta jkun hemm bżonn, sabiex tiżgura s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, l-awtorità **tad-**

**approvazzjoni tat-tip** li tinnomina għandha tordna lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati sabiex tissospendi jew tirtira, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat li ma kellux jinħareġ.

**deżinjazzjoni** għandha tordna lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati sabiex tissospendi jew tirtira, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat li ma kellux jinħareġ.

## Emenda 290

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 79 – paragrafu 4 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Iċ-ċertifikati ***l-oħra***, li nħarġu fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u tat-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku li għalihom ġiet sospiża, ristretta jew irtirata n-notifika għandhom jibqgħu validi fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

##### *Emenda*

4. Iċ-ċertifikati ***tal-approvazzjoni tat-tip*** li nħarġu fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u tat-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku li għalihom ġiet sospiża, ristretta jew irtirata n-notifika għandhom jibqgħu validi fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

## Emenda 291

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 79 – paragrafu 4 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) fil-każ ta' sospensjoni ta' ***notifika***: bil-patt li, fi żmien tliet xhur wara s-sospensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tikkonferma bil-miktub lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni li tkun qiegħda tiegħu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku matul il-perjodu tas-sospensjoni;

##### *Emenda*

(a) fil-każ ta' sospensjoni ta' ***deżinjazzjoni***: bil-patt li, fi żmien tliet xhur wara s-sospensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tikkonferma bil-miktub lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni li tkun qiegħda tiegħu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku matul il-perjodu tas-sospensjoni;

## Emenda 292

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 79 – paragrafu 4 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fil-każ ta' restrizzjoni jew irtirar ta' ***notifika***: għal perjodu ta' tliet xhur wara r-restrizzjoni jew l-irtirar. L-awtorità tal-

##### *Emenda*

(b) fil-każ ta' restrizzjoni jew irtirar ta' ***deżinjazzjoni***: għal perjodu ta' tliet xhur wara r-restrizzjoni jew l-irtirar. L-awtorità

approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikati tista' testendi l-validità taċ-ċertifikati għal perjodi ulterjuri ta' tliet xhur, għal perjodu massimu f'daqqa, ta' tnax-il xahar, diment li matul dak il-perjodu tkun qiegħda tieġu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku li n-notifika tiegħu tkun ġiet ristretta jew irtirata.

tal-approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikati tista' testendi l-validità taċ-ċertifikati għal perjodi ulterjuri ta' tliet xhur, għal perjodu massimu f'daqqa, ta' tnax-il xahar, diment li matul dak il-perjodu tkun qiegħda tieġu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku li n-notifika tiegħu tkun ġiet ristretta jew irtirata.

## Emenda 293

### Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Deżinjazzjoni bħala servizz tekniku tista' tiġġedded biss wara li l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tkun ivverifikat jekk is-servizz tekniku għadux jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha ssir skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 77.

#### *Emenda*

6. Deżinjazzjoni bħala servizz tekniku tista' tiġġedded biss wara li l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tkun ivverifikat jekk is-servizz tekniku għadux jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha ssir skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 77.

## Emenda 294

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissorvelja*** bla heda s-servizzi tekniċi sabiex tiżgura li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V.

#### *Emenda*

L-awtorità ***tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, għandhom jissorveljaw*** bla heda s-servizzi tekniċi sabiex jiżguraw li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V.

## Emenda 295

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom

#### *Emenda*

Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom

jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li dik l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip tkun teħtieġ*** sabiex ***tkun tista' tivverifika l-konformità*** ma' dawk ir-rekwiżiti.

jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li dik l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, ikunu jeħtieġu*** sabiex ***ikunu jistgħu jivverifikaw il-konformità*** ma' dawk ir-rekwiżiti.

## Emenda 296

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Is-servizzi tekniċi għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċilitajiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew iddeżinjati għalihom.

#### *Emenda*

Is-servizzi tekniċi għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-awtorità ***tad-deżinjazzjoni, jew, fil-każ ta' akkreditazzjoni, lill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali***, dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċilitajiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew iddeżinjati għalihom.

## Emenda 297

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku għandha tiżgura li s-servizz tekniku jwettaq l-obbligu tiegħu stabbilit fil-paragrafu 2, sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima għaliex ma tagħmilx dan.

#### *Emenda*

L-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku għandha tiżgura li s-servizz tekniku jwettaq l-obbligu tiegħu stabbilit fil-paragrafu 2, sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima għaliex ma tagħmilx dan.

*(In-numerazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni hija żbaljata; hemm żewġ paragrafi nnumerati bħala "3.")*

## Emenda 298

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Is-servizz tekniku jew l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** tista' titlob li kwalunkwe informazzjoni mibgħuta lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor jew lill-Kummissjoni tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

#### *Emenda*

Is-servizz tekniku jew l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** tista' titlob li kwalunkwe informazzjoni mibgħuta lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor jew lill-Kummissjoni tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

*(In-numerazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni hija żbaljata; hemm żewġ paragrafi nnumerati bħala "3.")*

## Emenda 299

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Tal-inqas kull ***30 xahar***, l-awtorità ***tal-approvazzjoni tat-tip*** għandha tivvaluta jekk kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi żjara fuq il-post lil kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha.

#### *Emenda*

Tal-inqas kull ***tliet snin***, l-awtorità ***tad-deżinjazzjoni*** għandha tivvaluta jekk kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V ***u għandha tippreżenta valutazzjoni lill-Istat Membru responsabbli***. Din il-valutazzjoni għandha ***titwettaq minn tim ta' valutazzjoni konġunta maħtur skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 77(1) sa (4) u għandha*** tinkludi żjara fuq il-post lil kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha.

*(In-numerazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni hija żbaljata; hemm żewġ paragrafi nnumerati bħala "3.")*

## Emenda 300

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

***Fi żmien xahrejn mill-finalizzazzjoni ta' din il-valutazzjoni tas-servizz tekniku, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri l-oħrajn dwar dawk l-attivitajiet tal-monitoraġġ. Ir-rapporti għandu jkun fihom sommarju tal-valutazzjoni li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.***

***L-eżitu tal-valutazzjoni għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss mill-Forum stabbilit skont l-Artikolu 10.***

*(In-numerazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni hija żbaljata; hemm żewġ paragrafi nnumerati bħala "3.")*

### **Emenda 301**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun ingibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom hija soġġetta skont dan ir-Regolament. Tista' tiftaħ it-tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess ukoll.

Il-Kummissjoni, ***filwaqt li taħdem flimkien mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru kkonċernat***, għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun ingibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom hija soġġetta skont dan ir-Regolament. Tista' tiftaħ it-tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess ukoll.

### **Emenda 302**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 81 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha ***tikkonsulta l-awtorità*** tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità tal-

2. Il-Kummissjoni għandha ***tikkoopera mal-awtorità*** tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità tal-

approvazzjoni tat-tip ta' dak l-Istat Membru għandha tippovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni u l-konformità min-naħa tiegħu tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza tas-servizz tekniku kkonċernat.

approvazzjoni tat-tip ta' dak l-Istat Membru għandha tippovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni u l-konformità min-naħa tiegħu tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza tas-servizz tekniku kkonċernat.

### Emenda 303

#### Proposta għal regolament Artikolu 82 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi kkoordinat mill-Forum ***imsemmi fl-Artikolu 10.***

##### *Emenda*

4. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi kkoordinat mill-Forum ***stabbilit skont l-Artikolu 10.***

### Emenda 304

#### Proposta għal regolament Artikolu 83 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta d-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq l-akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali li jkun akkredita servizz tekniku partikolari jinżamm informat mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fuq ir-rapporti inċidenti u informazzjoni oħra marbutin ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kontroll tas-servizz tekniku meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizz tekniku.

##### *Emenda*

1. Meta d-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata ***wkoll*** fuq l-akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali li jkun akkredita servizz tekniku partikolari jinżamm informat mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fuq ir-rapporti inċidenti u informazzjoni oħra marbutin ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kontroll tas-servizz tekniku meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizz tekniku.

### Emenda 305

#### Proposta għal regolament Artikolu 84 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jippermettu lill-awtorità tal-approvazzjoni tagħhom **tagħti** x-xhieda **tagħha** dwar l-eżekuzzjoni tas-servizz tekniku matul **il-valutazzjoni tal-konformità**;

*Emenda*

(a) jippermettu lill-awtorità tal-approvazzjoni **jew lit-tim ta' valutazzjoni konġunta tagħhom kif deskritt fl-Artikolu 77(1), jagħtu** x-xhieda **tagħhom** dwar l-eżekuzzjoni tas-servizz tekniku matul **l-itteżjar għall-approvazzjoni tat-tip**;

**Emenda 306**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 88 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), **fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2)**, fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), **fl-Artikolu 6(7a)**, fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), **fl-Artikolu 33(1a)**, fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 307**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 88 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), **fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2)**, fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew

*Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), **fl-Artikolu 6(7a)**, fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), **fl-Artikolu 33(1a)**, fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew



jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

## Emenda 308

### Proposta għal regolament Artikolu 88 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti magħżula minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.**

## Emenda 309

### Proposta għal regolament Artikolu 88 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 34(2), ***l-Artikolu 55(2) u (3), l-Artikolu 56(2)***, l-Artikolu 60(3), l-Artikolu 65(10), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 90(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), ***l-Artikolu 6(7a)***, l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(6), ***l-Artikolu 33(1a)***, l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 60(3), l-Artikolu 65(10), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 90(2) għandu jidħol fis-seħħ jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi

Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### Emenda 353

#### Proposta għal regolament Artikolu 89 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Penali

*Emenda*

Penali *u responsabbiltajiet*

### Emenda 310

#### Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali għall-ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi mill-obligi tagħhom stabbiliti fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari l-Artikoli minn 11 sa 19 u minn 72 sa 76, 84 u 85*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali għall-ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi mill-obligi tagħhom stabbiliti fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***B'mod partikolari l-penali għandhom ikunu proporzjonati għall-għadd ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat, jew l-għadd ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi magħmula disponibbli fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat.***

### Emenda 311

#### Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri tal-approvazzjoni jew il-proċeduri li jwasslu ***għal sejħa lura***;

*Emenda*

(a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri tal-approvazzjoni jew il-proċeduri li jwasslu ***sabiex jiġu imposti miżuri korrettivi jew restrittivi skont il-***

**Emenda 312**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) I-iffalsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni skont it-tip;

*Emenda*

(b) I-iffalsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni skont it-tip ***jew għas-sorveljanza tas-suq, inkluż l-għoti ta' approvazzjoni abbażi ta' dejta inkorretta;***

**Emenda 313**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ca) konformità inadegwata tas-servizzi tekniċi mar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni tagħhom;*

*Emenda*

**Emenda 354**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(cb) meta jiġi stabbilit, permezz ta' testijiet jew spezzjonijiet għal finijiet ta' konformità, jew b'mezzi alternattivi, li vetturi, komponenti, sistemi jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew f'xi wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun inġerata abbażi ta' dejta inkorretta.*

*Emenda*

**Emenda 314**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) id-disponibbiltà fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni jew l-iffalsifikar ta' dokumenti **jew marki** b'dik l-intenzjoni.

*Emenda*

(b) id-disponibbiltà fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni jew l-iffalsifikar ta' dokumenti, **ċertifikati ta' konformità, pjanċi statutorji jew marki tal-approvazzjoni** b'dik l-intenzjoni.

**Emenda 315**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom **jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-penali li jkunu ġew imposti.**

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom **jibagħtu avviż tal-penali imposti lill-bażi ta' dejta online stabbilita fl-Artikolu 25. In-notifiki għandhom isiru fi żmien xahar minn meta tiġi imposta l-penali.**

**Emenda 355**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 89 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**5a. Meta jiġi stabbilit li vetturi, komponenti, sistemi jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew f'xi wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, l-operaturi ekonomiċi għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat lis-sidien tal-vetturi affettwati bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità jew wara sejħa lura.**

*Emenda*

**Emenda 316**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fejn il-verifika tal-konformità mill-Kummissjoni, imsemmija fl-Artikolu 9(1), u (4), jew l-Artikolu 54(1), issib nuqqas ta' konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent, u tal-unità teknika separata mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multi amministrattivi fuq l-operatur ekonomiku kkonċernat talli kiser dan ir-Regolament. Il-multi amministrattivi previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari l-multi għandhom ikunu proporzjonati man-numru ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Unjoni, jew man-numru ta' sistemi, komponenti jew unità teknika separata mhux konformi magħmulin disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

### *Emenda*

Fejn il-verifika tal-konformità mill-Kummissjoni, imsemmija fl-Artikolu 9(1), u (4), jew l-Artikolu 54(1) ***jew mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 8(1)***, issib nuqqas ta' konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent, u tal-unità teknika separata mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multi amministrattivi fuq l-operatur ekonomiku kkonċernat talli kiser dan ir-Regolament. Il-multi amministrattivi previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari l-multi għandhom ikunu proporzjonati man-numru ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Unjoni, jew man-numru ta' sistemi, komponenti jew unità teknika separata mhux konformi magħmulin disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

## **Emenda 317**

### **Proposta għal regolament Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx ikunu addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 89 għall-istess ksur **u** ma għandhomx jaqbżu t-EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma tikkonformax.

#### *Emenda*

Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx ikunu addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 89 għall-istess ksur.

***Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni*** ma għandhomx jaqbżu t-EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma tikkonformax.

## **Emenda 318**

### **Proposta għal regolament Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) fl-Artikolu 5, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin wara l-paragrafu 2 punt (c):**

**"Manifatturi li jfittxu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura li tuża BES, AES jew apparat ta' manipulazzjoni, kif definit f'dan ir-Regolament jew ir-Regolament 2016/646/UE, għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip l-informazzjoni kollha, inkluża ġustifikazzjonijiet tekniċi, li jistgħu jkunu raġonevolment meħtieġa mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip biex jiddeterminaw jekk il-BES jew l-AES humiex apparat ta' manipulazzjoni u jekk hijiex applikabbli deroga għall-projbizzjoni fuq l-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni skont dan l-Artikolu.**

**L-awtorità tal-approvazzjoni m'għandhiex tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE qabel ma tkun ikkometat il-valutazzjoni tagħha u tkun iddeterminat li t-tip ta' vettura mhuwiex mgħammar b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit skont dan l-Artikolu u r-Regolament (KE) Nru 692/2008."**

#### **Emenda 345**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 6  
Regolament (KE) Nru 715/2007  
Artikolu 11a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) il-konsum tal-fjuwil u l-valuri tas-CO<sub>2</sub> ddeterminati f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.**

#### **Emenda 346**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) L-Artikolu 14a li ġej għandu jiddaħħal:**

**"Artikolu 14a**

**Rieżami**

***Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I bil-ħsieb li ttejjeb il-kwalità tal-arja fl-Unjoni u li tikseb il-limiti tal-kwalità tal-arja ambjentali tal-Unjoni kif ukoll il-limiti rakkomandati mid-WHO, u għandha tressaq proposti, kif xieraq, għal limiti tal-emissjonijiet Euro 7 teknoloġikament newtrali ġodda applikabbli sal-2025 għall-vetturi M1 u N1 kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni."***

### **Emenda 319**

**Proposta għal regolament  
Anness XII – punt 1 – it-tieni kolonna**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Unitajiet

**1 000**

0

**1000**

**0**

0

0

Unitajiet

**1500**

0

**1500**

**1500**

0

0

### **Emenda 320**

**Proposta għal regolament  
Anness XII – punt 2 – it-tieni kolonna**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Unitajiet

**100**

Unitajiet

**250**

250	250
500 sal-31 ta' Ottubru 2016	500 sal-31 ta' Ottubru 2016
250 mill-1 ta' Novembru 2016	250 mill-1 ta' Novembru 2016
250	250
500	500
250	250

### Emenda 321

#### Proposta għal regolament Anness XIII – Parti I – tabella

*Test propost mill-Kummissjoni*

Partita Nru	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżiti ta' prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit ta' mmarkar	Rekwiżiti tal-ippakkjar
1	<i>[...]</i>				
2					
3					

*Emenda*

Partita Nru	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżiti ta' prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit ta' mmarkar	Rekwiżiti tal-ippakkjar
1	<b><i>Katalizzaturi tal-gass tal-egżost u s-substrati tagħhom</i></b>	<b><i>Emissjonijiet NOx</i></b>	<b><i>Standards EURO</i></b>	<b><i>Tip u verżjoni ta' vettura</i></b>	
2	<b><i>Turboċarġers</i></b>	<b><i>Emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u NOx</i></b>	<b><i>Standards EURO</i></b>	<b><i>Tip u verżjoni ta' vettura</i></b>	
3	<b><i>Sistemi kompressuri tat-taħlita tal-Fjuwil/Arja minbarra Turboċarġers</i></b>	<b><i>Emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u NOx</i></b>	<b><i>Standards EURO</i></b>	<b><i>Tip u verżjoni ta' vettura</i></b>	
4	<b><i>Filtri tal-Partikuli tad-Diżil</i></b>	<b><i>PM</i></b>	<b><i>Standards EURO</i></b>	<b><i>Tip u verżjoni ta' vettura</i></b>	

### Emenda 322

#### Proposta għal regolament Anness XVIII – punt 2 – parti introduttorja



*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-aċċess **għall-OBD** tal-vettura u **it-tiswija** u l-manutenzjoni tal-vettura

*Emenda*

2. L-aċċess **għall-informazzjoni dwar l-OBD** tal-vettura u **dwar it-tiswija** u l-manutenzjoni tal-vettura

**Emenda 323**

**Proposta għal regolament  
Anness XVIII – punt 2 – punt 2.8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2.8. ***Fir-rigward tal-vetturi tal-kategoriji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 595/2009/KE***, għall-finijiet tal-punt 2.6.2, fejn il-manifatturi jużaw għodod dijanjostiċi u tat-testijiet skont l-ISO 22900 - L-interfaċċa modulari tal-komunikazzjonijiet tal-vettura (MVCI) u ISO 22901 L-iskambju miftuħ ta' dejta dijanjostika (ODX) fin-netwerks konċessjonarji tagħhom, il-fajls ODX għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi indipendenti permezz tas-sit web tal-manifattur.

*Emenda*

2.8. Għall-finijiet tal-punt 2.6.2, fejn il-manifatturi jużaw għodod dijanjostiċi u tat-testijiet skont l-ISO 22900 - L-interfaċċa modulari tal-komunikazzjonijiet tal-vettura (MVCI) u ISO 22901 L-iskambju miftuħ ta' dejta dijanjostika (ODX) fin-netwerks konċessjonarji tagħhom, il-fajls ODX għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi indipendenti permezz tas-sit web tal-manifattur.

**Emenda 324**

**Proposta għal regolament  
Anness XVIII – punt 2 – punt 2.8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***2.8a. Għall-fini tal-OBD, id-dijanjostika, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, il-fluss dirett tad-dejta tal-vettura għandu jsir disponibbli permezz tal-port serjali fuq il-konnettur standardizzat li jillinkja d-dejta speċifikat fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 11 għar-Regolament UNECE Nru 83 u fit-Taqsima 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament UNECE Nru 49.***

*Emenda*

## Emenda 325

### Proposta għal regolament

#### Anness XVIII – punt 6 – punt 6.1 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-informazzjoni fuq il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN u kwalunkwe kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-roti, l-output tal-magna, il-livell jew l-għażliet tal-finitura, mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet ta' riżerva offruti mill-manifattur tal-vettura lill-persunal awtorizzat biex isewwi jew lil bejjiegħa jew partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE), trid titqiegħed għad-dispożizzjoni f'*database* li hija *faċilment* aċċessibbli għall-operaturi indipendenti.

##### *Emenda*

L-informazzjoni fuq il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN u kwalunkwe kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-roti, l-output tal-magna, il-livell jew l-għażliet tal-finitura, mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet ta' riżerva offruti mill-manifattur tal-vettura lill-persunal awtorizzat biex isewwi jew lil bejjiegħa jew partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE), trid titqiegħed għad-dispożizzjoni, *fl-għamla ta' settijiet ta' dejta li jistgħu jinqraw minn magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronikament*, f'*bażi ta' dejta* li hija aċċessibbli għall-operaturi indipendenti.

## Emenda 326

### Proposta għal regolament

#### Anness XVIII – punt 6 – punt 6.3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6.3. Il-Forum dwar l-Aċċess għal Informazzjoni dwar il-Vettura msemmi fl-Artikolu 70 irid jispeċifika l-parametri għall-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. L-operatur indipendenti għandu jkun approvat u awtorizzat għal dan il-fini fuq il-bażi ta' dokumenti li juru li jsegwi attività leġittima ta' negozju u ma nstabx ħati ta' xi attività kriminali.

##### *Emenda*

6.3. Il-Forum dwar l-Aċċess għal Informazzjoni dwar il-Vettura msemmi fl-Artikolu 70 irid jispeċifika l-parametri għall-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. L-operatur indipendenti għandu jkun approvat u awtorizzat għal dan il-fini fuq il-bażi ta' dokumenti li juru li jsegwi attività leġittima ta' negozju u ma nstabx ħati ta' xi attività kriminali *rilevanti*.

## Emenda 327

### Proposta għal regolament Anness XVIII – punt 6 – punt 6.4

*Test propost mill-Kummissjoni*

6.4. ***Fir-rigward ta' vetturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 595/2009***, ir-riprogrammar tal-unitajiet ta' kontroll irid isir skont ISO 22900-2 jew SAE J2534 jew TMC ***RP1210B*** bl-użu ta' hardware mhux proprjetarju. ***Interfaċċja tal-ethernet, kejbil serjali jew tan-netwerk ta' żona lokali (LAN) u midja alternattiva bħal diska kompatta (CD), diska versatili diġitali (DVD) jew apparat li jaħżen memorja fi stat solidu għal sistemi tal-infotainment (eż. sistemi ta' navigazzjoni, telefown) jistgħu jintużaw ukoll, iżda bil-patt li ma jkun hemm bżonn ta' ebda software ta' komunikazzjoni proprjetarju (eż. drivers jew plug-ins)***. Għall-validazzjoni tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni speċifika għall-manifattur u l-interfaċċji ta' komunikazzjoni tal-vetturi (VCI) li jikkonformaw mal-ISO 22900-2 jew SAE J2534 jew TMC ***RP1210B***, il-manifattur ***irid*** joffri validazzjoni tal-VCIs żviluppati indipendentement ***jew inkella*** l-informazzjoni, u s-self ta' kwalunkwe ***hardware*** speċjali, meħtieġ biex manifattur tal-VCI jagħmel validazzjoni bħal din hu stess. Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 67(1) iridu japplikaw għal ħlasijiet għat-tali validazzjoni jew informazzjoni u ***hardware***.

*Emenda*

6.4. Ir-riprogrammar tal-unitajiet ta' kontroll irid isir skont ISO 22900-2 jew SAE J2534 jew TMC ***RP1210*** bl-użu ta' hardware mhux proprjetarju.

***Jekk ir-riprogrammar jew id-dijanjestika jsiru bl-użu ta' ISO 13400 DoIP, dan għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu.***

***Meta manifatturi tal-vetturi jużaw protokoll ta' komunikazzjoni proprjetarji addizzjonali, allura dawn l-***

***ispeċifikazzjonijiet tal-protokoll għandhom isiru disponibbli għall-operaturi indipendenti.***

Għall-validazzjoni tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni speċifika għall-manifattur u l-interfaċċji ta' komunikazzjoni tal-vetturi (VCI) li jikkonformaw mal-ISO 22900-2 jew SAE J2534 jew TMC **RP1210**, il-manifattur **għandu** joffri, **fi żmien sitt xhur mill-għoti tal-approvazzjoni tat-tip**, validazzjoni tal-VCIs żviluppati indipendentement **u l-ambjent tat-test, inkluża** l-informazzjoni **dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-protokoll ta' komunikazzjoni** u s-self ta' kwalunkwe **hardware** speċjali, meħtieġ sabiex manifattur tal-VCI jagħmel validazzjoni bħal din hu stess. Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 67(1) iridu japplikaw għal ħlasijiet għat-tali validazzjoni jew informazzjoni u **hardware**.

***Trid tiġi żgurata l-konformità korrispondenti jew billi jinġhata mandat lis-CEN biex jiżviluppa standards ta' konformità xierqa jew billi jintużaw standards eżistenti bħal SAE J2534-3.***

***Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 67(1) għandhom japplikaw għall-ħlasijiet għat-tali validazzjoni jew informazzjoni u hardware.***

**Emenda 328**

**Proposta għal regolament  
Anness XVIII – punt 6 – punt 6.8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6.8a. Fil-każ li l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq sit web ta' manifattur ma tinkludix informazzjoni speċifika rilevanti li tippermetti d-disinn u l-manifattura xierqa ta' sistemi ta' retromodifika għall-fjuwils alternattivi, kwalunkwe manifattur interessat ta' sistemi ta' retromodifika***

*għall-fjuwils alternattivi għandu jkun jista' jikseb l-informazzjoni meħtieġa fit-taqsimiet 1, 3, u 4 tad-dokument ta' informazzjoni stipulat fl-Anness I billi jikkuntattja direttament lill-manifattur b'tali talba. Id-dettalji ta' kuntatt għal dak il-fini għandhom ikunu indikati b'mod ċar fuq is-sit web tal-manifattur u l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fi żmien 30 jum. Tali informazzjoni jeħtieġ biss li tkun ipprovduta għal sistemi alternattivi ta' retromodifika tal-fjuwils li jkunu suġġetti għar-Regolament UNECE Nru 115 jew għal komponenti ta' retromodifika għall-fjuwils alternattivi li jiffurmaw parti minn sistemi suġġetti għar-Regolament UNECE Nru 115, u jeħtieġ biss li jkunu provduti bi tweġiba għal talba li b'mod ċar tispeċifika l-ispeċifikazzjoni eżatta tal-mudell tal-vettura li għalha hija meħtieġa l-informazzjoni u li tikkonferma speċifikament li l-informazzjoni hija meħtieġa għall-iżvilupp ta' sistemi jew ta' komponenti ta' retromodifika għall-fjuwils alternattivi suġġetti għar-Regolament UNECE Nru 115.*

## **Emenda 329**

### **Proposta għal regolament Anness XVIII – punt 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7a. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli permezz ta' servizz web jew b'mod li jista' jitniżżel sett tad-dejta elettroniku li jkun fih in-numri VIN kollha (jew subsett mitlub) u l-karatteristiċi ta' speċifikazzjoni individwali u ta' konfigurazzjoni korelatati li kienu oriġinarjament inkorporati fil-vettura.*

## Emenda 330

### Proposta għal regolament Anness XVIII – Punt 7b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7b. Dispożizzjonijiet għal sistema ta' sigurtà elettronika**

**7b.1. Kwalunkwe vettura li jkollha kompjuter għall-kontroll tal-emissjonijiet għandu jkollha karatteristiċi li jipprevjenu l-modifika, ħlief kif awtorizzat mill-manifattur. Il-manifattur għandu jawtorizza l-modifiki jekk huma jkunu meħtieġa għad-dijanjożi, is-servizzjar, l-ispezjoni, ir-retromodifika jew biex issir tiswija tal-vettura. Kwalunkwe kodiċi tal-kompjuter jew parametru operattiv riprogrammabbli għandu jkun reżistenti għat-tbagħbis u jippermetti livell ta' protezzjoni għall-inqas daqs kemm huma tajbin id-dispożizzjonijiet fl-ISO 15031-7 li jgħib id-data tal-15 ta' Marzu 2001 (SAE J2186 bid-data ta' Ottubru 1996). Kull ċippa ta' kalibrazzjoni tal-memorja li tista' titneħħa għandha tingħalaq f'materjal iżolanti, tingħalaq ġo kontenitur issiġillat jew tiġi protetta permezz ta' algoritmi elettroniċi u ma għandhomx ikunu jistgħu jinbidlu mingħajr ma jintużaw għodod u proċeduri speċjalizzati. Il-karatteristiċi assoċjati direttament mal-ikkalibrar tal-emissjonijiet jew il-prevenzjoni tas-serq tal-vettura biss għandhom jitħallew jiġu protetti b'dan il-mod.**

**7b.2. Il-parametri tat-tħaddim ta' magna kkwodjata bil-kompjuter m'għandhomx ikunu jistgħu jinbidlu mingħajr ma jintużaw għodod u proċeduri speċjalizzati (eż. komponenti tal-kompjuter issaldjati jew magħluqa f'materjal iżolanti jew f'kompartmenti tal-kompjuter issiġillati (jew issaldjati).**

**7b.3. Fil-każ tal-pompi mekkaniċi tal-injezzjoni tal-fjuwil installati fuq magni ta' tqabbid bil-kompressjoni, il-manifatturi għandhom jieħdu passi**

*adegwati biex, waqt li l-vettura tkun qed tintuża, iħarsu lis-setting tat-twassil massimu ta' fjuwil massimu milli jiġi mbaġħbas.*

*7b.4. Il-manifatturi jistgħu japplikaw għand l-awtorità tal-approvazzjoni għal eżenzjoni minn waħda mir-rekwiżiti tat-Taqsima 8 għal dawk il-vetturi li aktarx ma jeħtiġux protezzjoni. Il-kriterji li għandha tevalwa l-awtorità tal-approvazzjoni meta tqis eżenzjoni għandhom jinkludu d-disponibbiltà kurrenti taċ-ċippi ta' rendiment, il-kapaċità ta' rendiment għoli tal-vettura u l-volum mistenni tal-bejgħ tal-vettura.*

*7b.5. Il-manifatturi li jużaw sistemi programmabbli ta' kodiċijiet tal-kompjuter (eż. memorja elettriċa li tinqara biss, programmabbli, u li tista' titħassar, EEPROM — electrical erasable programmable read-only memory) għandhom jiskoraġġixxu r-riprogrammazzjoni mhux awtorizzata. Il-manifatturi għandhom jinkludu strateġiji mtejba għal protezzjoni mit-tbaġħbis u karatteristiċi għal protezzjoni mill-kitba li jeħtieġu aċċess elettroniku għal kompjuter f'post ieħor li jieħu ħsiebu l-manifattur, li għalih l-operaturi indipendenti wkoll għandu jkollhom aċċess billi jużaw il-protezzjoni mogħtija mit-Taqsimiet 6.2 u l-punt 6.4. Metodi li jagħtu livell adegwat ta' protezzjoni mit-tbaġħbis għandhom jiġu approvati mill-awtorità tal-approvazzjoni.*

## Emenda 331

### Proposta għal regolament Anness XVIII – appendiċi 2 – punt 3.1.1

*Test propost mill-Kummissjoni*

3.1.1. kwalunkwe sistema addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-protokoll meħtieġa sabiex tkun ikkompletata d-dijanostika flimkien mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-

*Emenda*

3.1.1. kwalunkwe sistema addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-protokoll meħtieġa sabiex tkun ikkompletata d-dijanostika flimkien mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-

Anness 9B għar-Regolament tal-UNECE Nru 49, inkluż kwalunkwe informazzjoni dwar il-protokoll ta' *hardwer* jew ta' softwer, identifikazzjoni tal-parametri, funzjonijiet ta' trasferiment, rekwiżiti "biex tinżamm attiva" ("keep alive") jew kundizzjonijiet għal żbalji;

Anness 9B għar-Regolament tal-UNECE Nru 49 ***u fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Anness 11 għar-Regolament UNECE Nru 83***, inkluż kwalunkwe informazzjoni dwar il-protokoll ta' *hardwer* jew ta' softwer, identifikazzjoni tal-parametri, funzjonijiet ta' trasferiment, rekwiżiti "biex tinżamm attiva" ("keep alive") jew kundizzjonijiet għal żbalji;

## Emenda 332

### Proposta għal regolament Anness XVIII – appendiċi 2 – punt 3.1.2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3.1.2. dettalji dwar kif jinkisbu u jiġu interpretati l-kodiċijiet ta' ħsara kollha li ma jikkonformawx mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament tal-UNECE 49;

#### *Emenda*

3.1.2. dettalji dwar kif jinkisbu u jiġu interpretati l-kodiċijiet ta' ħsara kollha li ma jikkonformawx mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament tal-UNECE 49 ***u fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Anness 11 għar-Regolament UNECE Nru 83***;